IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.11.2016
COM(2016) 759 final

ANNEXES 1 to 11

ANNESSI

ta' [...]

Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija,

li jemenda d-Direttiva 94/22/KE, id-Direttiva 98/70/KE, id-Direttiva 2009/31/KE, ir-Regolament (KE) Nru 663/2009, ir-Regolament (KE) Nru 715/2009, id-Direttiva 2009/73/KE, id-Direttiva tal-Kunsill 2009/119/KE, id-Direttiva 2010/31/UE, id-Direttiva 2012/27/UE, id-Direttiva 2013/30/UE u d-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013

{SWD(2016) 394 final}
{SWD(2016) 395 final}
{SWD(2016) 396 final}
{SWD(2016) 397 final}

ANNESS I

QAFAS ĠENERALI GĦAL PJANIJIET NAZZJONALI INTEGRATI GĦALL-ENERĠIJA U L-KLIMA

Parti 1

Qafas ġenerali

TAQSIMA A: PJAN NAZZJONALI
1. ĠABRA FIL-QOSOR U PROĊESS BIEX JIĠI STABBILIT IL-PJAN
1.1. Sommarju Eżekuttiv i. Kuntest politiku, ekonomiku, ambjentali u soċjali tal-pjan ii. Strateġija predominanti li tkopri l-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija iii. Tabella fil-qosor bl-għanijiet ewlenin, il-politiki u l-miżuri tal-pjan
1.2. Ġabra fil-qosor tas-sitwazzjoni politika attwali i. Sistema tal-enerġija nazzjonali u tal-UE u l-kuntest politiku tal-pjan nazzjonali ii. Politiki attwali dwar l-enerġija u l-klima u miżuri fil-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija iii. Kwistjonijiet ewlenin u rilevanza transkonfinali iv. Struttura amministrattiva fl-implimentazzjoni tal-politiki nazzjonali tal-enerġija u l-klima
1.3. Konsultazzjonijiet u involviment ta' entitajiet nazzjonali u tal-UE u r-riżultati tagħhom i. Involviment tal-Parlament ii. Involviment ta' awtoritajiet lokali u reġjonali iii. Konsultazzjonijiet ma' partijiet ikkonċernati, li jinkludu sħab soċjali, u l-involviment tas-soċjetà ċivili iv. Konsultazzjonijiet ma' Stati Membri oħra v. Proċess iterattiv mal-Kummissjoni Ewropea
1.4. Kooperazzjoni reġjonali fit-tħejjija tal-pjan i. Elementi suġġetti għall-ippjannar konġunt jew koordinat ma' Stati Membri oħra. ii. Spjegazzjoni kif tiġi kkunsidrata l-kooperazzjoni reġjonali fil-pjan.
2. GĦANIJIET U MIRI NAZZJONALI
2.1. Dimensjoni Dekarbonizzazzjoni **2.1.1. Emissjonijiet u assorbimenti tal-gassijiet serra (għall-pjan li jkopri l-perjodu mill-2021 sal-2030, il-mira tal-Qafas għall-2030 ta' mill-anqas 40 % ta' tnaqqis domestiku fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra fl-ekonomiji kollha meta mqabbla mal-1990)** [1]

[1] Il-konsistenza għandha tiġi żgurata permezz ta' strateġiji ta' emissjonijiet baxxi għal perjodu ta' żmien twil skont l-Artikolu 14.

i. Il-mira nazzjonali vinkolanti għall-2030 tal-Istat Membru dwar l-emissjonijiet tal-gass serra fis-setturi li mhumiex fl-ETS, il-limiti nazzjonali vinkolanti annwali[2] u l-impenji skont ir-Regolament LULUCF[3]

ii. Jekk applikabbli, għanijiet u miri nazzjonali oħra konsistenti ma' strateġiji eżistenti ta' emissjonijiet baxxi għal terminu ta' żmien twil. Jekk applikabbli, għanijiet u miri oħra, li jinkludu miri settorjali u għanijiet ta' adattament

2.1.2. Enerġija rinnovabbli (Mira tal-Qafas għall-2030)

i. Is-sehem tal-enerġija ppjanata tal-Istat Membru minn sorsi rinnovabbli tal-konsum finali gross tal-enerġija fl-2030 bħala l-kontribuzzjoni nazzjonali tiegħu biex tinkiseb il-mira vinkolanti fil-livell tal-UE ta' mill-anqas 27 % fl-2030.

ii. Trajettorja lineari għas-sehem globali tal-enerġija rinnovabbli fil-konsum finali gross tal-enerġija mill-2021 sal-2030 biex tinkiseb il-mira vinkolanti fil-livell tal-UE.

iii. Trajettorja għas-sehem settorjali tal-enerġija rinnovabbli fil-konsum finali gross tal-enerġija mill-2021 sal-2030 fis-setturi tal-elettriku, it-tisħin u t-tkessiħ, u t-trasport.

iv. Trajettorji b'teknoloġija tal-enerġija rinnovabbli li l-Istat Membru jipprojetta li juża biex jikseb it-trajjetorji globali u settorjali għal enerġija rinnovabbli mill-2021 sal-2030 li jinkludu l-konsum finali gross tal-enerġija mistenni skont it-teknoloġija u s-settur f'Mtoe u l-kapaċità installata ppjanata totali (diviża bil-kapaċità ġdida u forniment mill-ġdid tal-enerġija) għal kull teknoloġija u settur f'MW.

v. Trajettorji għad-domanda tal-bijoenerġija, diżaggregata bejn it-tisħin, l-elettriku u t-trasport, u fuq provvista ta' bijomassa skont il-materja prima, il-produzzjoni domestika vs l-importazzjonijiet. Għall-bijomassa tal-foresti, valutazzjoni tas-sors tagħha u l-impatt fuq il-bir LULUCF

vi. Jekk applikabbli, trajettorji u għanijiet nazzjonali oħra, li jinkludu dawk ta' terminu ta' żmien twil jew settorjali (eż. sehem ta' bijofjuwils avvanzati, sehem tal-enerġija rinnovabbli fit-tisħin distrettwali, l-użu tal-enerġija rinnovabbli fil-bini, l-enerġija rinnovabbli prodotta fl-ibliet, il-komunitajiet tal-enerġija u l-awtokonsumaturi)

2.2. Dimensjoni Effiċjenza Enerġetika (Mira tal-Qafas għall-2030)

i. Il-kontribuzzjoni tal-effiċjenza enerġetika nazzjonali indikattiva biex tinkiseb il-mira tal-effiċjenza enerġetika vinkolanti tal-Unjoni ta' 30 % fl-2030 imsemmija fl-Artikolu 1(1) u l-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 2012/27/UE [kif emendata bil-proposta COM(2016)761], abbażi ta' konsum tal-enerġija primarja jew finali, l-iffrankar tal-enerġija primarja jew finali, jew l-intensità tal-enerġija; espressi f'termini ta' livell assolut ta' konsum tal-enerġija primarja u konsum tal-enerġija finali fl-2020 u fl-2030, bi trajettorja lineari għal dik il-kontribuzzjoni mill-2021 'il quddiem; inkluż il-metodoloġija sottostanti u l-fatturi ta' konverżjoni użati

ii. Ammont kumulattiv ta' iffrankar tal-enerġija li jrid jinkiseb matul il-perjodu 2021-2030 skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2012/27/UE [kif emendata bil-

[2] Għall-pjan li jkopri l-perjodu mill-2021 sal-2030: Il-mira nazzjonali vinkolanti għall-2030 tal-Istat Membru dwar l-emissjonijiet ta' gass serra fis-setturi li mhumiex ETS u l-limiti nazzjonali vinkolanti annwali kif stabbilit skont ir-Regolament [ ][ESR].

[3] Ir-Regolament [ ] [LULUCF]

proposta COM(2016)761], dwar l-obbligi ta' iffrankar tal-enerġija

iii. Għanijiet għal rinnovazzjoni fuq terminu ta' żmien twil tal-istokk nazzjonali ta' bini residenzjali u kummerċjali (kemm pubbliku kif ukoll privat)

iv. L-erja tal-pavimentar totali li jrid jiġi rinnovat jew l-iffrankar ekwivalenti annwali tal-enerġija li jrid jinkiseb mill-2021 sal-2030 skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2012/27/UE, fuq ir-rinnovazzjoni ta' bini ċentrali tal-gvern

v. Jekk applikabbli, għanijiet nazzjonali oħra, li jinkludu miri jew strateġiji għal perjodu ta' żmien twil u miri settorjali. Għanijiet nazzjonali f'oqsma bħall-effiċjenza enerġetika fis-settur tat-trasport u fir-rigward tat-tisħin u t-tkessiħ

2.3. Dimensjoni Sigurtà tal-Enerġija

i. Għanijiet nazzjonali fir-rigward ta' żieda fid-diversifikazzjoni ta' sorsi tal-enerġija u forniment minn pajjiżi terzi, ħażna u rispons għad-domanda

ii. Għanijiet nazzjonali fir-rigward ta' tnaqqis fid-dipendenza ta' importazzjoni tal-enerġija minn pajjiżi terzi

iii. Għanijiet nazzjonali fir-rigward ta' rieda biex jintlaħaq il-forniment kostrett jew interrot ta' sors tal-enerġija (li jinkludi gass u elettriku) u, meta jixraq, il-medda ta' żmien ta' meta l-għanijiet għandhom jintlaħqu[4]

iv. Għanijiet nazzjonali fir-rigward l-iskjerament ta' sorsi tal-enerġija domestika (notevolment enerġija rinnovabbli)

2.4. Dimensjoni Suq Intern tal-Enerġija

2.4.1. Interkonnettività tal-elettriku (Mira tal-Qafas għall-2030)

i. Il-livell ta' interkonnettività elettrika li l-Istat Membru qed jimmira għalih fl-2030 fir-rigward tal-għan tal-Kunsill Ewropew ta' Ottubru 2014.

2.4.2. Infrastruttura tat-trażmissjoni tal-enerġija

i. Għanijiet nazzjonali ewlenin għall-infrastruttura tal-elettriku u l-gass li huma meħtieġa għall-kisba tal-għanijiet u l-miri skont kwalunkwe waħda mid-dimensjonijiet elenkati fi 2.

ii. Jekk applikabbli, proġetti ta' infrastruttura ewlenin previsti għajr il-Proġetti ta' Interess Komuni (PCIs)[5]

2.4.3. Integrazzjoni tas-Suq

i. Għanijiet nazzjonali marbuta ma' aspetti oħra tas-suq intern tal-enerġija bħall-integrazzjoni tas-suq u l-akkoppjament, jekk applikabbli, li jinkludi medda ta' żmien għal meta l-għanijiet għandhom jintlaħqu.

ii. Għanijiet nazzjonali fir-rigward tal-iżgurar tal-adegwatezza tas-sistema tal-elettriku, jekk applikabbli, kif ukoll għall-flessibilità tas-sistema tal-enerġija fir-rigward tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli, li jinkludi medda ta' żmien

[4] Il-konsistenza għandha tiġi żgurata bl-azzjoni preventiva u l-pjanijiet tal-emerġenza skont ir-Regolament [kif propost permezz ta' COM(2016)52] dwar miżuri li jħarsu s-sigurtà tal-provvista tal-gass u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 994/2010, kif ukoll il-pjanijiet ta' tħejjija għar-riskji skont ir-Regolament [kif propost permezz ta' COM(2016)862] dwar it-tħejjija għar-riskji fis-settur tal-elettriku u li jħassar Direttiva 2005/89/KE.

[5] B'konformità mar-Regolament (UE) Nru 347/2013 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tas-17 ta' April 2013 dwar linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1364/2006/KE u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 713/2009, (KE) Nru 714/2009 u (KE) Nru 715/2009 (ĠU L 115, 25.4.2013. p. 39).

għal meta l-għanijiet għandhom jintlaħqu.

iii. Għanijiet nazzjonali sabiex jiġu protetti l-konsumaturi tal-enerġija u titjib il-kompetittività tas-settur tal-enerġija bl-imnut.

2.4.4. Faqar enerġetiku

i. Għanijiet nazzjonali fir-rigward tal-faqar enerġetiku li jinkludi medda ta' żmien għal meta l-għanijiet għandhom jintlaħqu.

2.5. Dimensjoni Riċerka, innovazzjoni u kompetittività

i. Għanijiet nazzjonali u miri ta' finanzjament għal riċerka u innovazzjoni pubblika u privata marbuta mal-Unjoni tal-Enerġija li jinkludu, jekk jixraq, medda ta' żmien għal meta l-għanijiet għandhom jintlaħqu; li jirriflettu l-prijoritajiet tal-Istrateġija tal-Unjoni tal-Enerġija u l-Pjan SET

ii. Jekk jixraq, għanijiet nazzjonali li jinkludu miri fuq terminu ta' żmien twil (2050) għal skjerament ta' teknoloġiji ta' karbonju baxx, li jinkludi s-setturi industrijali li jiddekarbonizzaw l-enerġija u dawk intensivi fil-karbonju u, jekk applikabbli, għal infrastruttura marbuta ma' trasport u ħażna ta' karbonju.

iii. Għanijiet nazzjonali fir-rigward tal-kompetittività

3. POLITIKI U MIŻURI

3.1. Dimensjoni Dekarbonizzazzjoni

3.1.1. Emissjonijiet u assorbimenti tal-gassijiet serra (għall-pjan li jkopri l-perjodu mill-2021 sal-2030, Mira tal-Qafas għall-2030).

i. Politiki u miżuri għall-kisba tal-mira stabbilita skont ir-Regolament [ ] [ESR] kif jissemma fi 2.1.1 u politiki u miżuri għall-konformità mar-Regolament [ ] [LULUCF], li jkopri l-oqsma kollha ewlenin ta' emissjonijiet u setturi li jtejbu l-assorbimenti, bi prospetti għall-viżjoni u għan fuq perjodu ta' żmien twil sabiex issir ekonomija ta' karbonju baxx b'perspettiva ta' 50 sena u li jinkiseb bilanċ bejn l-emissjonijiet u t-tneħħija b'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi.

ii. Kooperazzjoni reġjonali f'dan il-qasam

iii. Mingħajr preġudizzju għall-applikabbiltà ta' regoli ta' għajnuna mill-Istat, miżuri ta' finanzjament, li jinkludu appoġġ tal-UE u l-użu ta' fondi tal-UE, f'dan il-qasam fil-livell nazzjonali, jekk applikabbli.

3.1.2. Enerġija rinnovabbli (Mira tal-Qafas għall-2030)

i. Politiki u miżuri sabiex tinkiseb il-kontribuzzjoni nazzjonali għall-mira vinkolanti tal-2030 fil-livell ta' UE għall-enerġija rinnovabbli u t-trajettorji kif ippreżentati fi 2.1.2 li jinkludu miżuri settorjali u speċifiċi għat-teknoloġija[6]

ii. Miżuri speċifiċi għal kooperazzjoni reġjonali, kif ukoll l-istima ta' produzzjoni tal-enerġija eċċessiva minn sorsi rinnovabbli li tista' tkun trasferita lil Stati Membri oħra sabiex tinkiseb il-kontribuzzjoni nazzjonali u t-trajettorji ppreżentati fi 2.1.2

iii. Miżuri speċifiċi dwar l-appoġġ finanzjarju, li jinkludi l-appoġġ tal-UE u l-użu ta' fondi tal-UE, għall-promozzjoni tal-produzzjoni u l-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fl-elettriku, it-tisħin u t-tkessiħ, u t-trasport.

iv. Miżuri speċifiċi biex jiġu introdotti one-stop-shop, proċeduri amministrattivi

[6] Meta jkunu qed jippjanaw dawn il-miżuri, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw it-tmiem tal-ħajja ta' installazzjonijiet eżistenti u l-potenzjal għall-forniment tal-enerġija mill-ġdid.

simplifikati, jingħataw informazzjoni u taħriġ, u tagħti setgħa lill-awtokonsumaturi u l-komunitajiet tal-enerġija dwar l-enerġija rinnovabbli.

v. Valutazzjoni tal-ħtieġa li jinbnew infrastrutturi ġodda għat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali prodotti minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli.

vi. Miżuri speċifiċi dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija mill-bijomassa, b'mod speċjali għall-mobilizzazzjoni tal-bijomassa ġdida b'konsiderazzjoni ta':

- id-disponibbiltà tal-bijomassa: kemm il-potenzjal domestiku kif ukoll l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi

- użi oħra tal-bijomassa minn setturi oħra (is-setturi tal-agrikultura u dawk ibbażati fuq il-foresta); kif ukoll miżuri għas-sostenibbiltà tal-produzzjoni u l-użu tal-bijomassa.

3.1.3. Elementi oħra tad-dimensjoni

i. Politiki u miżuri nazzjonali li jaffettwaw is-settur ETS u valutazzjoni tal-kumplimentarjetà u l-impatti fuq l-ETS tal-UE, jekk applikabbli

ii. Strateġiji, pjanijiet u miżuri dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima

iii. Politiki u miżuri biex jintlaħqu miri nazzjonali oħra, jekk applikabbli

iv. Politiki u miżuri biex tintlaħaq mobilità ta' emissjoni baxxa (li tinkludi l-elettrifikazzjoni tat-trasport)

3.2. Dimensjoni Effiċjenza Enerġetika (Mira tal-Qafas għall-2030)

Politiki, miżuri u programmi ppjanati sabiex tinkiseb il-mira indikattiva għall-effiċjenza enerġetika nazzjonali għall-2030 kif ukoll għanijiet oħra ppreżentati fi 2.2, li jinkludu miżuri u strumenti ppjanati (anke ta' natura finanzjarja) li jippromwovu l-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini, b'mod partikolari fir-rigward ta' dan li ġej:

i. Skemi obbligatorji ta' effiċjenza enerġetika u miżuri alternattivi skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2012/27/UE [kif emendat bil-proposta COM(2016)761] (li għandhom jiġu ppreparati b'konformità mal-Anness II)

ii. Strateġija fit-tul għar-rinnovazzjoni tal-istokk nazzjonali tal-bini residenzjali u kummerċjali (kemm pubbliku kif ukoll privat) [7] li jinkludu politiki u miżuri biex jistimulaw rinnovazzjonijiet profondi ta' nfiq effettiv u fi stadji profondi.

iii. Deskrizzjoni tal-politika u miżuri li jippromwovu s-servizzi tal-enerġija fis-settur pubbliku u miżuri li jneħħu l-ostakli regolatorji u mhux regolatorji li jimpedixxu t-teħid tal-ikkuntrattar tal-prestazzjoni tal-enerġija u mudelli ta' servizz tal-effiċjenza enerġetika.[8]

iv. Politiki, miżuri u programmi oħra ppjanati biex jilħqu l-mira indikattiva tal-effiċjenza enerġetika nazzjonali għall-2030 kif ukoll għanijiet oħra ppreżentati fi 2.2 (pereżempju miżuri biex jippromwovu r-rwol eżemplari tal-bini pubbliku u l-akkwist pubbliku effiċjenti tal-enerġija, miżuri li jippromwovu verifiki tal-enerġija u sistemi ta' ġestjoni tal-enerġija[9], informazzjoni għall-konsumatur u miżuri ta' taħriġ[10], u miżuri oħra li jippromwovu l-effiċjenza enerġetika[11])

7 B'konformità mal-Artikolu 2a tad-Direttiva 2010/31/UE [kif emendat bil-proposta COM(2016)765].

8 B'konformità mal-Artikolu 18 tad-Direttiva 2012/27/UE.

9 B'konformità mal-Artikolu 8 tad-Direttiva 2012/27/UE.

10 B'konformità mal-Artikoli 12 u 17 tad-Direttiva 2012/27/UE

11 B'konformità mal-Artikolu 19 tad-Direttiva 2012/27/UE.

v. Deskrizzjoni ta' miżuri għall-iżvilupp ta' miżuri li jutilizzaw il-potenzjal tal-effiċjenza enerġetika tal-infrastruttura tal-gass u l-elettriku[12]

vi. Kooperazzjoni reġjonali f'dan il-qasam, jekk applikabbli

vii. Miżuri ta' finanzjament, li jinkludu sostenn tal-UE u l-użu ta' fondi tal-UE, fil-qasam fil-livell nazzjonali

3.3. Dimensjoni Sigurtà tal-enerġija[13]

i. Politiki u miżuri sabiex jinkisbu l-għanijiet stabbiliti fi 2.3[14]

ii. Kooperazzjoni reġjonali f'dan il-qasam

iii. Miżuri ta' finanzjament, li jinkludu l-appoġġ tal-UE u l-użu tal-fondi tal-UE, f'dan il-qasam fil-livell nazzjonali, jekk applikabbli

3.4. Dimensjoni Suq Intern tal-enerġija[15]

3.4.1. Infrastruttura tal-elettriku

i. Politiki u miżuri sabiex jinkiseb il-livell fil-mira tal-interkonnettività ppreżentat fi 2.4.1

ii. Kooperazzjoni reġjonali f'dan il-qasam[16]

iii. Miżuri ta' finanzjament, li jinkludu l-appoġġ tal-UE u l-użu tal-fondi tal-UE, f'dan il-qasam fil-livell nazzjonali, jekk applikabbli

3.4.2. Infrastruttura tat-trażmissjoni tal-enerġija

i. Politiki u miżuri sabiex jintlaħqu l-għanijiet infrastrutturali ewlenin ippreżentati fi 2.4.2, li jinkludu, jekk applikabbli, miżuri speċifiċi li jippermettu t-twassil ta' Proġetti ta' Interess Komuni (PCIs) u proġetti infrastrutturali ewlenin oħra

ii. Kooperazzjoni reġjonali f'dan il-qasam[17]

iii. Miżuri ta' finanzjament, li jinkludu l-appoġġ tal-UE u l-użu tal-fondi tal-UE, f'dan il-qasam fil-livell nazzjonali, jekk applikabbli

3.4.3. Integrazzjoni tas-Suq

i. Politiki u miżuri sabiex jinkisbu l-għanijiet stabbiliti fi 2.4.3

ii. Miżuri li jżidu l-flessibilità tas-sistema tal-enerġija fir-rigward tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli, li jinkludi t-tnedija tal-akkoppjament tas-suq matul il-jum u l-ibbilanċjar tas-swieq transkonfinali.

iii. Miżuri li jiżguraw aċċess ta' prijorità u d-dispaċċ tal-elettriku prodott minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli jew koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja u li jevitaw it-tnaqqis jew id-dispaċċ mill-ġdid ta' dan l-elettriku[18]

---

12 B'konformità mal-Artikolu 15(2) tad-Direttiva 2012/27/UE.

13 Il-politiki u l-miżuri għandhom jirriflettu l-ewwel prinċipju tal-effiċjenza enerġetika.

14 Il-konsistenza għandha tiġi żgurata bl-azzjoni preventiva u l-pjanijiet tal-emerġenza skont ir-Regolament [kif propost permezz ta' COM(2016)52] dwar miżuri li jħarsu s-sigurtà tal-provvista tal-gass u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 994/2010, kif ukoll il-pjanijiet ta' tħejjija għar-riskji skont ir-Regolament [kif propost permezz ta' COM(2016)862] dwar it-tħejjija għar-riskji fis-settur tal-elettriku u li jħassar Direttiva 2005/89/KE.

15 Il-politiki u l-miżuri għandhom jirriflettu l-ewwel prinċipju tal-effiċjenza enerġetika.

16 Għajr għall-Gruppi Reġjonali PCI stabbiliti skont ir-Regolament (UE) Nru 347/2013.

17 Għajr għall-Gruppi Reġjonali PCI stabbiliti skont ir-Regolament (UE) Nru 347/2013.

iv. Politiki u miżuri li jipproteġu l-konsumaturi, speċjalment konsumaturi vulnerabbli u fqar mil-lat tal-enerġija, u sabiex itejbu l-kompetittività u l-kontestabbiltà tas-suq bl-imnut tal-enerġija.

v. Deskrizzjoni ta' miżuri li jippermettu u jiżviluppaw ir-rispons għad-domanda li jinkludu dawk li jindirizzaw tariffi li jsostnu prezzijiet dinamiċi[19]

3.4.4. Faqar enerġetiku

i. Politiki u miżuri sabiex jinkisbu l-għanijiet stabbiliti fi 2.4.4

3.5. Dimensjoni Riċerka, innovazzjoni u kompetittività

i. Politiki u miżuri li jinkludu dawk biex jinkisbu l-għanijiet stabbiliti fi 2.5

ii. Kooperazzjoni ma' Stati Membri oħra fit-dan il-qasam, li tinkludi informazzjoni dwar kif l-għanijiet u l-politiki tal-Pjan SET qed jiġu tradotti fil-kuntest nazzjonali.

iii. Miżuri ta' finanzjament, li jinkludu l-appoġġ tal-UE u l-użu tal-fondi tal-UE, f'dan il-qasam fil-livell nazzjonali, jekk applikabbli

[18] B'konformità ma' [riformulazzjoni tad-Direttiva 2009/72/KE kif propost minn COM(2016)864 u riformulazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 714/2009 kif propost minn COM(2016)861]

[19] B'konformità mal-Artikolu 15(8) tad-Direttiva 2012/27/UE.

TAQSIMA B: BAŻI ANALITIKA[20]

4. SITWAZZJONI ATTWALI U PROJEZZJONIJIET B'POLITIKI U MIŻURI EŻISTENTI[21][22]

4.1. Evoluzzjoni projettata ta' fatturi eżoġeni ewlenin li jinfluwenzaw sistema tal-enerġija u żviluppi ta' emissjonijiet tal-gassijiet serra

i. Previżjonijiet makroekonomiċi (PDG u tkabbir tal-popolazzjoni)

ii. Bidliet settorjali li mistennija jagħmlu impatt fuq is-sistema tal-enerġija u l-emissjonijiet tal-gassijiet serra.

iii. Xejriet tal-enerġija globali, prezzijiet internazzjonali tal-fjuwils fossili, prezz tal-karbonju ETS

iv. Żviluppi fl-ispejjeż tat-teknoloġija

4.2. Dimensjoni Dekarbonizzazzjoni

4.2.1. Emissjonijiet u assorbimenti tal-gassijiet serra

i. Xejriet fl-emissjonijiet u l-assorbimenti tal-gassijiet serra attwali fl-ETS, ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi u l-oqsma LULUCF u oqsma differenti tal-enerġija.

ii. Projezzjonijiet ta' żviluppi settorjali b'politiki u miżuri nazzjonali u tal-UE eżistenti tal-anqas sal-2040 (li jinkludu għas-sena 2030)

4.2.2. Enerġija rinnovabbli

i. Sehem attwali tal-enerġija rinnovabbli fil-konsum finali gross tal-enerġija u f'oqsma differenti (tiswin u tkessiħ, elettriku u trasport) kif ukoll skont it-teknoloġija fit-kull wieħed minn dawn is-setturi

ii. Projezzjonijiet ta' żviluppi b'politiki u miżuri eżistenti tal-anqas sal-2040 (inkluż għas-sena 2030)

4.3. Dimensjoni Effiċjenza enerġetika

i. Konsum tal-enerġija primarju u finali attwali fl-ekonomija u skont is-settur (li jinkludu industrija, residenzjali, servizz u trasport)

ii. Potenzjal attwali għall-applikazzjoni ta' koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja u tiswin u tkessiħ distrettwali effiċjenti[23]

iii. Projezzjonijiet li jikkunsidraw politiki, miżuri u programmi ta' effiċjenza enerġetika eżistenti kif deskritt skont 1.2. ii) għal konsum tal-enerġija primarja

---

20 Ara l-Parti 2 għal-lista dettaljata ta' parametri u varjabbli li jridu jiġu rapportati fit-Taqsima B tal-Pjan.

21 Is-sitwazzjoni attwali għandha tirrifletti d-data ta' sottomissjoni tal-pjan nazzjonali (jew l-aħħar data disponibbli). Il-politiki u l-miżuri eżistenti jinkorporaw politiki u miżuri implimentati u adottati. Il-politiki u l-miżuri adottati huwa dawk li dwarhom ittieħdet deċiżjoni uffiċjali mill-gvern sad-data ta' sottomissjoni tal-pjan nazzjonali u hemm impenn ċar biex l-affarijiet jitkomplew bl-implimentazzjoni. Il-politiki u l-miżuri implimentati huma dawk li għalihom wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin japplikaw fid-data ta' sottomissjoni tal-pjan nazzjonali: il-leġiżlazzjoni nazzjonali tkun fis-seħħ, ftehim volontarju wieħed jew aktar ġie/ġew stabbilit(i), ir-riżorsi finanzjarji ġew allokati, ir-riżorsi umani ġew mobilizzati.

22 L-għażla ta' fatturi eżoġeni tista' tkun ibbażata fuq il-preżunzjonijiet magħmula fix-Xenarju ta' Riferiment tal-UE tal-2016 jew xenarji ta' politika sussegwenti oħra għall-istess varjabbli. Minbarra hekk, ir-riżultati speċifiċi tal-Istati Membri tax-Xenarju ta' Riferiment tal-UE tal-2016 kif ukoll ir-riżultati ta' xenarji ta' politika sussegwenti jistgħu jkunu sors utli ta' informazzjoni meta jiġu żviluppati projezzjonijiet nazzjonali b'politiki u miżuri eżistenti u valutazzjonijiet tal-impatt.

23 B'konformità mal-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2012/27/UE.

u finali għal kull settur tal-anqas sal-2040 (inkluż għas-sena 2030)[24]

iv. Livelli kostottimali tar-rekwiżiti ta' prestazzjoni tal-enerġija minima li tirriżulta minn kalkolazzjonijiet nazzjonali, b'konformità mal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2010/31/UE

4.4. Dimensjoni Sigurtà tal-Enerġija

i. Taħlita tal-enerġija attwali, riżorsi tal-enerġija domestika, dipendenza fuq l-importazzjoni, li jinkludu riskji rilevanti

ii. Projezzjonijiet ta' żviluppi b'politiki u miżuri eżistenti tal-anqas sal-2040 (inkluż għas-sena 2030)

4.5. Dimensjoni Suq Intern tal-Enerġija

4.5.1. Interkonnettività tal-elettriku

i. Livell ta' interkonnessjoni attwali u l-interkonnetturi ewlenin[25]

ii. Projezzjonijiet tar-rekwiżiti ta' espansjoni tal-interkonnetur tal-anqas sal-2040 (li jinkludi għas-sena 2030)[26]

4.5.2. Infrastruttura tat-trażmissjoni tal-enerġija

i. Karatteristiċi ewlenin tal-infrastruttura ta' trażmissjoni eżistenti għall-elettriku u l-gass[27]

ii. Projezzjonijiet għal rekwiżiti ta' espansjoni ta' netwerk tal-anqas sal-2040 (li jinkludi għas-sena 2030)[28]

4.5.3. Swieq tal-elettriku u l-gass, prezzijiet tal-enerġija

i. Sitwazzjoni attwali tas-swieq tal-elettriku u l-gass, li tinkludi l-prezzijiet tal-enerġija

ii. Projezzjonijiet ta' żviluppi b'politiki u miżuri eżistenti tal-anqas sal-2040 (inkluż għas-sena 2030)

4.6. Dimensjoni Riċerka, innovazzjoni u kompetittività

i. Sitwazzjoni attwali fis-settur tat-teknoloġiji b'livell baxx ta' karbonju u l-pożizzjoni ta' dan fis-suq globali

ii. Livell attwali ta' riċerka pubblika u privata u nfieq fl-innovazzjoni fuq teknoloġiji b'livell baxx ta' karbonju, għadd attwali ta' privattivi, u għadd attwali ta' riċerkaturi

iii. Livell attwali ta' spejjeż tal-enerġija inkluż fil-kuntest internazzjonali

iv. Projezzjonijiet ta' żviluppi f'i. sa iii. b'politiki u miżuri eżistenti tal-anqas sal-2040 (li jinkludu għas-sena 2030)

---

[24] Dan in-negozju ta' riferiment bħala projezzjoni tas-soltu se jkun il-bażi għall-mira tal-konsum tal-enerġija finali u primarju tal-2030 li huwa deskritt fi 2.3 u l-fatturi ta' konverżjoni.

[25] B'referenza għal ħarsiet ġenerali ta' infrastruttura eżistenti ta' trażmissjoni minn Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni (TSOs).

[26] B'referenza għall-pjanijiet tal-iżvilupp ta' netwerk nazzjonali u pjanijiet ta' investiment reġjonali ta' TSOs.

[27] B'referenza għall-ġabriet fil-qosor dwar l-infrastruttura eżistenti għat-trażmissjoni mit-TSOs.

[28] B'referenza għall-pjanijiet tal-iżvilupp ta' netwerk nazzjonali u pjanijiet ta' investiment reġjonali ta' TSOs.

5. VALUTAZZJONI TAL-IMPATT TA' POLITIKI U MIŻURI PPJANATI[29]
5.1. **Impatti ta' politiki u miżuri ppjanati deskritti fit-taqsima 3 dwar is-sistema tal-enerġija u l-emissjonijiet tal-gassijiet serra** u l-assorbiment tagħhom li jinkludu tqabbil ta' projezzjonijiet ma' politiki u miżuri eżistenti (kif deskritti fit-taqsima 4). i. Projezzjonijiet tal-iżvilupp tas-sistema tal-enerġija u tal-emissjonijiet u l-assorbiment tal-gassijiet serra kif ukoll tal-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu fl-arja b'konformità mad-Direttiva [kif proposta minn COM/2013/0920] [30] skont il-politiki u l-miżuri ppjanati sal-anqas għaxar snin wara l-perjodu kopert mill-pjan (li jinkludi l-aħħar sena tal-perjodu kopert mill-pjan), li jinkludi l-politiki u l-miżuri rilevanti tal-UE. ii. Valutazzjoni ta' interazzjonijiet tal-politika (bejn politiki u miżuri eżistenti u ppjanati fi ħdan dimensjoni politika u bejn politiki u miżuri eżistenti u ppjanati ta' dimensjonijiet differenti) tal-anqas sal-aħħar sena tal-perjodu kopert mill-pjan
5.2. Impatti makroekonomiċi, ambjentali, tal-ħiliet u soċjali (f'termini ta' spejjeż u benefiċċji kif ukoll tal-kost-effettività) tal-politiki u miżuri ppjanati deskritti fit-taqsima 3 tal-anqas sal-aħħar sena tal-perjodu kopert mill-pjan, li jinkludi tqabbil ta' projezzjonijiet ma' politiki u miżuri eżistenti.
5.3. Impatti ta' politiki u miżuri ppjanati deskritti fit-taqsima 3 fuq Stati Membri oħra u kooperazzjoni reġjonali tal-anqas sal-aħħar sena tal-perjodu kopert mill-pjan, li jinkludi tqabbil ta' projezzjonijiet ma' politiki u miżuri eżistenti i. Impatti fuq is-sistema tal-enerġija fil-viċinat u fi Stati Membri oħra fir-reġjun sa fejn huwa possibbli ii. Impatti fuq il-prezzijiet tal-enerġija, l-utilitajiet u l-integrazzjoni tas-suq tal-enerġija iii. Impatti fuq il-kooperazzjoni reġjonali

Parti 2

Lista ta' parametri u varjabbli li jridu jiġu rapportati fit-Taqsima B tal-Pjanijiet Nazzjonali[31] [32] [33] [34]

[29] Il-politiki u l-miżuri ppjanati huma għażliet li jridu jiġu diskussi u li għandhom ċans realistiku li jiġu adottati u implimentati wara d-data ta' sottomissjoni tal-pjan nazzjonali. Għalhekk il-projezzjonijiet li jirriżultaw skont taqsima 5.1.i għandhom jinkludu mhux biss il-politiki u l-miżuri implimentati u adottati (projezzjonijiet b'politiki u miżuri eżistenti), imma wkoll politiki u miżuri ppjanati.

[30] Direttiva [kif proposta minn COM/2013/0920] dwar it-tnaqqis ta' emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti sustanzi li jniġġsu fl-arja u li temenda d-Direttiva 2003/35/KE u li tħassar id-Direttiva 2001/81/KE.

[31] Għall-pjan li jkopri l-perjodu mill-2021 sal-2030: Għal kull parametru/varjabbli fil-lista, għandhom jiġu rapportati x-xejriet matul is-snin 2005-2040 (2005-2050 meta jixraq) li jinkludu intervalli ta' ħames snin għas-sena 2030 kemm fit-taqsima 4 kif ukoll 5. Għandu jiġi indikat parametru bbażat fuq previżjonijiet eżoġeni kontra output immudellat.

[32] Safejn hu possibbli, id-dejta u l-projezzjonijiet rapportati għandhom jissawwru fuq u jkunu konsistenti ma' dejta minn EUROSTAT u l-metodoloġija użata għar-rapportar tal-istatistika Ewropea fil-leġiżlazzjonijiet settorjali rispettivi, peress li l-istatistika Ewropea hija s-sors ewlieni ta' dejta statistika użata għar-rapportar u l-monitoraġġ, b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 223/2009 dwar l-istatistika Ewropea.

[33] Nota: il-projezzjonijiet kollha għandhom isiru fuq il-bażi ta' prezzijiet kostanti (prezzijiet tal-2016 użati bħala sena bażi)

Il-parametri, varjabbli, bilanċi u indikaturi tal-enerġija li ġejjin għandhom jiġu rapportati fit-Taqsima B "Bażi Analitika" tal-Pjanijiet Nazzjonali:

1. Parametri ġenerali u varjabbli

(1) Popolazzjoni [f'miljuni]

(2) PDG [f'miljuni ta' euro]

(3) Valur gross settorjali miżjud [li jinkludi l-oqsma industrijali, ta' kostruzzjoni, tas-servizzi u agrikoli ewlenin) [f'miljuni ta' euro]

(4) Għadd ta' djar [f'eluf]

(5) Daqs tad-djar [residenti/dar]

(6) Introjtu disponibbli tad-djar [f'euro]

(7) Għadd ta' passiġġieri-kilometri: il-modi kollha, jiġifieri maqsumin bejn triq (karozzi u xarabanks separati jekk possibbli), ferrovija, avjazzjoni u navigazzjoni domestika (meta rilevanti) [miljun għal kull km]

(8) Tunnellati-kilometri ta' trasport tal-merkanzija: il-modi kollha bl-esklużjoni ta' tbaħħir internazzjonali, jiġifieri maqsumin bejn triq, ferrovija, avjazzjoni, navigazzjoni domestika (passaġġi fuq l-ilma intern u tbaħħir nazzjonali) [f'miljuni ta' tkm]

(9) Prezzijiet tal-importazzjoni taż-żejt, tal-gass u fjuwil tal-faħam [euro/GJ jew euro/toe] - allinjati mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni

(10) Prezz tal-karbonju ETS-UE [euro/EUA] -allinjati mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni

(11) Suppożizzjonijiet fuq ir-rati tal-kambju għal euro u d-Dollaru Amerikan (jekk applikabbli) [euro/munita u USD/munita]

(12) Għadd ta' Jiem ta' Gradi ta' Tisħin (HDD - Heating Degree Days)

(13) Għadd ta' Jiem ta' Gradi ta' Tkessiħ (CDD - Cooling Degree Days)

(14) Suppożizzjonijiet dwar spejjeż ta' teknoloġija użati fl-immudellar għal teknoloġiji rilevanti ewlenin

2. Bilanċi u indikaturi tal-enerġija

2.1. Provvista tal-enerġija

(1) Produzzjoni indiġena skont it-tip ta' fjuwil (kull prodott tal-enerġija: faħam, żejt mhux raffinat, gass naturali, enerġija nukleari, sorsi tal-enerġija rinnovabbli)[ktoe]

(2) Importazzjonijiet nett skont it-tip ta' fjuwil (li jinkludi elettriku u maqsumin f'importazzjonijiet intra u extra Ewropej nett) [ktoe]

(3) Dipendenza fuq l-importazzjoni minn pajjiżi terzi [%]

(4) Sorsi ewlenin tal-importazzjoni (pajjiżi) għal trasportaturi ewlenin tal-enerġija (li jinkludu gass u elettriku)

---

[34] Il-Kummissjoni se tipprovdi rakkomandazzjonijiet għal parametri ewlenin, li tal-anqas ikopru l-prezzijiet taż-żejt, il-gass u l-importazzjoni tal-faħam kif ukoll il-prezzijiet tal-karbonju ta' ETS fl-UE.

(5) Konsum Intern Gross skont is-sors tat-tip ta' fjuwil (li jinkludi solidi, il-prodotti tal-enerġija kollha: faħam, żejt mhux raffinat u prodotti petrolifiċi, gass naturali, enerġija nukleari, elettriku, sħana derivata, enerġiji rinnovabbli, skart) [ktoe]

2.2. Elettriku u tisħin

(1) Ġenerazzjoni elettrika grossa [GWhe]

(2) Ġenerazzjoni elettrika grossa skont il-fjuwil (il-prodotti kollha tal-enerġija) [GWhe]

(3) Sehem ta' ġenerazzjoni tal-enerġija u tat-tisħin ikkombinati fit-total tal-ġenerazzjoni tal-elettriku u tat-tisħin [perċentwali]

(4) Kapaċità tal-elettriku ġġenerata skont is-sors li jinkludi l-irtirar u l-investimenti ġodda (MW)

(5) Ġenerazzjoni tat-tisħin mill-ġenerazzjoni tal-enerġija termali

(6) Ġenerazzjoni tat-tisħin minn impjanti tat-tisħin u tal-enerġija kkombinati, inkluż tisħin industrijali mormi

(7) Kapaċitajiet ta' interkonnessjoni transkonfinali għall-gass u l-elettriku [Definizzjoni għall-elettriku skont ir-riżultat tad-diskussjonijiet kontinwi abbażi tal-mira ta' interkonnessjoni ta' 15 %] u r-rati tal-użu projettat tagħhom.

2.3. Settur tat-trasformazzjoni

(1) Inputs ta' fjuwil għal ġenerazzjoni tal-enerġija termali (li jinkludu solidi, żejt, gass) [ktoe]

(2) Inputs ta' fjuwil għal proċessi ta' konverżjoni oħra [ktoe]

2.4. Konsum tal-enerġija

(1) Konsum primarju u finali tal-enerġija [ktoe]

(2) Konsum finali tal-enerġija skont is-settur (li jinkludi industrija, trasport (maqsum bejn passiġġieri u merkanzija, meta disponibbli) djar, servizzi, agrikoltura) [ktoe]

(3) Konsum finali tal-enerġija skont il-fjuwil (il-prodotti kollha tal-enerġija) [ktoe]

(4) Konsum finali mhux tal-enerġija [ktoe]

(5) Intensità tal-enerġija primarja tal-ekonomija globali (konsum primarju tal-enerġija għal PDG [toe/euro]

(6) Intensità tal-enerġija finali skont is-settur (li jinkludi industrija, residenzjali, terzjarja, trasport ta' passiġġieri (inkluż dak maqsum bejn passiġġieri u merkanzija, meta disponibbli), trasport ta' merkanzija)

2.5. Prezzijiet

(1) Prezzijiet tal-elettriku skont it-tip ta' użu tas-settur (residenzjali, industrija, terzjarju)

(2) Prezzijiet nazzjonali tal-fjuwil bl-imnut (li jinkludi taxxi, skont is-sors u s-settur) (euro/ktoe)

2.6. Investimenti

Spejjeż ta' investimenti relatati mal-enerġija meta mqabbla mal-PDG (u mqabbla mal-valur gross miżjud għas-settur tal-industrija)

2.7. Enerġiji rinnovabbli

(1) Konsum finali gross tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u s-sehem tal-enerġija rinnovabbli fil-konsum gross tal-enerġija finali u skont is-settur (elettriku, tisħin u tkessiħ, trasport) u skont it-teknoloġija

(2) Elettriku u ġenerazzjoni tat-tisħin minn enerġija rinnovabbli fil-bini (kif definit fl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2010/31/UE); dan għandu jinkludi dejta diżaggregata fuq l-enerġija prodotta, ikkonsmata u injettata fil-grid minn sistemi solari fotovoltajċi, sistemi termali solari, bijomassa, pompi tas-sħana, sistemi ġeotermiċi kif ukoll sistemi tal-enerġija rinnovabbli deċentralizzati)

(3) Jekk applikabbli, trajettorji nazzjonali oħra, li jinkludi dawk fuq perjodu ta' żmien twil jew settorjali (is-sehem ta' bijofjuwils minn kultivazzjonijiet alimentari u dawk avvanzati, is-sehem tal-enerġija rinnovabbli fit-tisħin distrettwali, kif ukoll bħala l-enerġija rinnovabbli prodotta fil-bliet u l-komunitajiet tal-enerġija kif definit fl-Artikolu 22 ta' [riformulazzjoni tad-Direttiva 2009/28/KE kif propost minn COM(2016)767])

3. Indikaturi relatati ta' emissjonijiet u assorbimenti tal-gassijiet serra

(1) L-emissjonijiet tal-gassijiet serra skont is-settur tal-politika (ETS, ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi u LULUCF)

(2) Emissjonijiet tal-gassijiet serra skont is-settur IPCC u skont il-gass (meta rilevanti maqsumin bejn ETS u ESD) [tCO_2eq]

(3) Intensità tal-karbonju tal-ekonomija globali [tCO_2eq/PDG]

(4) Indikaturi relatati mad-CO_2

(a) Intensità tal-karbonju għal produzzjoni tal-elettriku u l-fwar [tCO_2eq/MWh]

(b) Intensità tal-karbonju tad-domanda finali tal-enerġija skont is-settur (inkluż l-industrija, residenzjali, terzjarju, trasport ta' passiġġieri, trasport ta' merkanzija) [tCO_2eq/toe]

(5) Parametri marbuta ma' emissjoni mhux ta' CO_2

(a) Bhejjem: Baqar tal-ħalib (1000 bhima), Baqar mhux tal-ħalib (1000 bhima), Nagħaġ (1000 nagħġa), Ħnieżer (1000 ħanżir), Tjur (1000 tajra)

(b) Input ta' nitroġenu mill-applikazzjoni ta' fertilizzanti sintetiċi (kt nitroġenu)

(c) Input ta' nitroġenu mill-applikazzjoni tad-demel (kt nitroġenu)

(d) Nitroġenu ffissat minn għelejjel li jiffissaw in-nitroġenu (kt nitroġenu)

(e) Nitroġenu f'residwi tal-għelejjel ritornati lura fil-ħamrija (kt nitroġenu)

(f) Żona ta' ħamrija organika kkultivata (f'ettari)

(g) Ġenerazzjoni tal-iskart solidu muniċipali (MSW)

(h) Skart solidu muniċipali (MSW) li jintrema fil-miżbliet

(i) Sehem ta' rkupru ta' CH_4 fil-ġenerazzjoni totali ta' CH_4 mill-miżbliet (%)

ANNESS II

NOTIFIKA TAL-MIŻURI U L-METODOLOĠIJI TAL-ISTATI MEMBRI BIEX JIMPLIMENTAW L-ARTIKOLU 7 TAD-DIRETTIVA 2012/27/UE [KIF EMENDATA BIL-PROPOSTA COM(2016)761]

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni l-metodoloġija dettaljata proposta tagħhom b'konformità mal-Anness V(4) tad-Direttiva 2012/27/UE għall-operat tal-iskemi ta' obbligu ta' effiċjenza enerġetika u l-miżuri alternattivi msemmija fl-Artikoli 7a u 7b u fl-Artikolu 20(6) tal-istess Direttiva.

1. Il-kalkolu tal-livell tar-rekwiżit tal-iffrankar tal-enerġija għandu jinkiseb fuq il-perjodu kollu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2030, sabiex jintwera kif l-elementi li ġejjin jittieħdu inkonsiderazzjoni:

   (a) bejgħ annwali tal-enerġija, skont il-volum għall-klijenti finali tad-distributuri kollha tal-enerġija jew il-kumpaniji tal-enerġija kollha li jbiegħu bl-imnut fuq medja ta' tliet snin (2016, 2017, 2018) qabel l-1 ta' Jannar 2019 [f'ktoe];

   (b) volum ta' bejgħ tal-enerġija użat fit-trasport eskluż mill-kalkolu [f'ktoe];

   (c) kwantità tal-enerġija ġġenerata għall-użu proprju eskluża mill-kalkolu [f'ktoe];

   (d) sorsi użati fil-kalkolu tad-dejta tal-bejgħ tal-enerġija li jinkludu ġustifikazzjoni għall-użu ta' sorsi tal-istatistika alternattivi u kull differenza fil-kwantitajiet li jirriżultaw (jekk jintużaw sorsi oħra li mhumiex ta' Eurostat);

   (e) ammont kumulattiv ta' iffrankar tal-enerġija li jrid jinkiseb matul il-perjodu kollu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2030 (qabel l-eżenzjonijiet skont il-paragrafu 2) [f'ktoe];

   (f) applikazzjoni tal-eżenzjonijiet (b), (c), (d) u (e) imsemmija fl-Artikolu 7(2) u (3) tad-Direttiva 2012/27/UE:

      (i) volum ta' bejgħ tal-enerġija użata fl-attivitajiet industrijali [f'ktoe] elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE eskluži mill-kalkolu f'konformità mal-punt (b).

      (ii) ammont tal-enerġija ffrankata [f'ktoe] miksub fis-setturi ta' trasformazzjoni, distribuzzjoni u trażmissjoni tal-enerġija b'konformità mal-punt (c),

      (iii) ammont tal-enerġija ffrankata [f'ktoe] li jirriżulta minn azzjonijiet individwali li ġew implimentati ġodda sa mill-31 ta' Diċembru 2008 li jibqgħu jkollhom impatt fl-2020 u lil hinn u b'konformità mal-punt (d);

      (iv) ammont tal-enerġija ġġenerata fuq bini jew fih għall-użu proprju bħala riżultat ta' miżuri ta' politika li jippromwovu installazzjoni ġdida ta' teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli b'konformità mal-punt (e) [f'ktoe];

   (g) total kumulattiv tal-ammont ta' enerġija ffrankata (wara l-eżenzjonijiet skont il-paragrafu 2 applikat) [f'ktoe].

2. Miżuri ta' politika b'konsiderazzjoni tal-kisba tar-rekwiżit tal-iffrankar imsemmi fl-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2012/27/UE:

2.1. Skemi ta' obbligu tal-effiċjenza enerġetika msemmija fl-Artikolu 7a tad-Direttiva 2012/27/UE:

   (a) deskrizzjoni tal-iskema ta' obbligu tal-effiċjenza enerġetika

(b) l-iffrankar mistenni tal-ammont annwali u kumulattiv u d-durata tal-perjodu/i ta' obbligu;

(c) il-partijiet obbligati u r-responsabbiltajiet tagħhom;

(d) setturi fil-mira;

(e) azzjonijiet eliġibbli previsti skont din il-miżura;

(f) informazzjoni dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet skont l-Artikolu 7(7) tad-Direttiva 2012/27/UE:

(i) azzjonijiet speċifiċi, sehem ta' ffrankar li jrid jinkiseb fid-djar affettwati b'faqar enerġetiku u fl-akkomodazzjoni soċjali b'konformità mal-punt (a);

(ii) iffrankar miksub mill-fornituri tas-servizz tal-enerġija jew partijiet terzi oħra b'konformità mal-punt (b);

(iii) operazzjonijiet bankarji u self b'konformità mal-punt (c);

(g) Informazzjoni dwar negozjar tal-iffrankar tal-enerġija (jekk rilevanti).

2.2. Miżuri alternattivi msemmija fl-Artikolu 7b u Artikolu 20(6) tad-Direttiva 2012/27/UE (għajr it-tassazzjoni):

(a) tip ta' miżura politika;

(b) deskrizzjoni fil-qosor tal-miżura politika li tinkludi l-karatteristiċi tad-disinn għal kull miżura ta' politika notifikata;

(c) l-ammont kumulattiv u annwali totali mistenni ta' ffrankar għal kull miżura u/jew l-ammont tal-enerġija ffrankata fir-rigward ta' kwalunkwe perjodu intermedjarju;

(d) il-partijiet tal-implimentazzjoni, tal-parteċipazzjoni, fdati u r-responsabiltajiet tagħhom għall-implimentazzjoni tal-miżura/i ta' politika/ċi;

(e) setturi fil-mira;

(f) azzjonijiet eliġibbli previsti skont din il-miżura;

(g) miżuri ta' politika speċifika jew azzjonijiet individwali li għandhom fil-mira il-faqar enerġetiku.

2.3. Informazzjoni dwar miżuri ta' tassazzjoni:

(a) deskrizzjoni fil-qosor tal-miżura ta' tassazzjoni;

(b) durata tal-miżura ta' tassazzjoni;

(c) ammont annwali u kumulattiv mistenni li jiġi ffrankat għal kull miżura;

(d) setturi fil-mira;

(e) addizzjonalità tal-iffrankar tal-enerġija billi jiġi deskritt l-approċċ tal-kalkolu tal-iffrankar, li jinkludi l-elastiċitajiet tal-prezz użati b'konformità mal-Anness V(4).

3. Metodoloġija tal-kalkolu għal miżuri notifikati skont l-Artikoli 7a, 7b u 20(6) tad-Direttiva 2012/27/UE (għajr għall-miżuri ta' tassazzjoni):

(a) metodi ta' kejl użati msemmija fl-Anness V(1) tad-Direttiva 2012/27/UE;

(b) metodu li jesprimi l-iffrankar tal-enerġija (iffrankar tal-enerġija primarju jew finali):

(c) ħajjet l-azzjonijiet individwali u l-approċċ użat sabiex titqis ħajjet l-iffrankar;

(d) deskrizzjoni fil-qosor tal-metodoloġija tal-kalkolu li tinkludi kif jiġu żgurati l-addizzjonalità u l-materjalità tal-iffrankar;

(e) informazzjoni dwar kif il-possibbiltà ta' trikkib bejn il-miżuri u l-azzjonijiet individwali jiġu indirizzati biex jiġi evitat l-għadd doppju tal-iffrankar tal-enerġija:

(f) varjazzjonijiet klimatiċi u l-approċċ użat (jekk rilevanti).

4. Monitoraġġ u verifika

(a) deskrizzjoni fil-qosor tas-sistema ta' monitoraġġ u verifika u l-proċess tal-verifika;

(b) l-awtorità pubblika tal-implimentazzjoni u r-responsabiltajiet ewlenin tagħha għas-sistema ta' monitoraġġ u ta' verifika fir-rigward tal-iskema ta' obbligu tal-effiċjenza enerġetika u/jew miżuri alternattivi;

(c) l-indipendenza tal-monitoraġġ u l-verifika mill-partijiet obbligati u l-partijiet parteċipanti, fdati;

(d) proporzjon statistikament sinifikanti ta' miżuri ta' titjib tal-effiċjenza enerġetika u l-proporzjon u l-kriterji użati li jiddefenixxu u jagħżlu kampjun rappreżentattiv;

(e) l-obbligi ta' rapprotar għall-partijiet obbligati (iffrankar miksub minn kull parti obbligata, jew kull sottokategorija ta' parti obbligata, u t-total ta' kollox skont l-iskema).

(f) pubblikazzjoni tal-iffrankar tal-enerġija miksub (kull sena) skont l-iskema ta' obbligu ta' effiċjenza fl-enerġija u l-miżuri alternattivi;

(g) informazzjoni dwar penali applikati f'każ ta' nuqqas ta' konformità;

(h) informazzjoni dwar miżuri previsti jekk il-progress ma jkunx sodisfaċenti.

ANNESS III

INFORMAZZJONI DWAR L-INVENTARJI TA' GASSIJIET SERRA

Parti 1

Informazzjoni li trid tiġi inkluża fir-rapporti msemmija fl-Artikolu 23(2):

(a) l-emissjonijiet antropoġeniċi tagħhom tal-gassijiet serra elenkati fil-parti 2 ta' dan l-Anness u l-emissjonijiet antropoġeniċi tal-gassijiet serra msemmija fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament [ ] [ESR] għas-sena X-2;

(b) dejta dwar l-emissjonijiet antropoġeniċi tagħhom tal-monossidu tal-karbonju (CO), id-diossidu tal-kubrit (SO_2), l-ossidi tan-nitroġenu (NOx) u komposti organiċi volatili, konsistenti mad-dejta diġà rapportata b'konformità mal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2001/81/KE għas-sena X-2;

(c) l-emissjonijiet antropoġeniċi tal-gassijiet serra tagħhom minn sorsi u t-tneħħija tad-CO_2 mill-bjar li jirriżultaw minn LULUCF, għas-sena X-2, b'konformità mal-metodoloġiji speċifikati fil-parti 3 ta' dan l-Anness. Din id-dejta għandha tkun rilevanti wkoll għar-rapport ta' konformità skont Artikolu 12 tar-Regolament [ ][LULUCF]:

(d) kwalunkwe bidla fl-informazzjoni msemmija fil-punti (a) sa (c) għas-snin bejn is-sena jew perjodu bażi rilevanti u s-sena X-3, billi jiġu indikati r-raġunijiet għal dawn il-bidliet;

(e) informazzjoni dwar l-indikaturi, kif stabbilit fil-parti 4 ta' dan l-Anness, għas-sena X-2;

(f) informazzjoni fil-qosor dwar trasferimenti konklużi skont l-Artikolu 5 tar-Regolament [ ] [ESR] u l-Artikolu 11 tar-Regolament [ ] [LULUCF] għas-sena X-1;

(g) informazzjoni dwar il-passi meħuda sabiex jittejbu l-estimi tal-inventarju, b'mod partikolari f'oqsma tal-inventarju li kienu soġġetti għal aġġustamenti jew rakkomandazzjonijiet wara rieżamijiet esperti;

(h) l-allokazzjoni reali jew stmata tal-emissjonijiet verifikati rapportati minn operaturi tal-installazzjoni skont id-Direttiva 2003/87/KE għall-kategoriji tas-sors tal-inventarju nazzjonali għall-gassijiet serra u l-proporzjon ta' dawk l-emissjonijiet verifikati mal-emissjonijiet totali rapportati tal-gassijiet serra f'dawk il-kategoriji tas-sors, għas-sena X-2;

(i) ir-riżultati tal-verifiki mwettqa dwar il-konsistenza tal-emissjonijiet rapportati fl-inventarji tal-gassijiet serra, għas-sena X-2, bl-emissjonijiet ivverifikati rapportati skont id-Direttiva 2003/87/KE;

(j) ir-riżultati tal-verifiki mwettqa fuq il-konsistenza tad-dejta użata biex jiġu stmati l-emissjonijiet bi tħejjija għall-inventarji tal-gassijiet serra, għas-sena X-2, ma':

  (i) id-dejta użata biex jitħejjew l-inventarji tas-sustanzi li jniġġsu l-arja skont id-Direttiva 2001/81/KE;

  (ii) id-dejta rapportata skont l-Artikolu 19(1) u l-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 517/2014;

  (iii) id-dejta dwar l-enerġija rapportata skont l-Artikolu 4 u l-Anness B tar-Regolament (KE) Nru 1099/2008;

(k) deskrizzjoni tal-bidliet fis-sistema tal-inventarju nazzjonali tagħhom;

(l) deskrizzjoni tal-bidliet fir-reġistru nazzjonali;

(m) informazzjoni dwar l-assikurazzjoni tal-kwalità u l-pjanijiet tal-kontroll tal-kwalità tagħhom, valutazzjoni ġenerali tal-inċertezza, valutazzjoni ġenerali tal-kompletezza u, kwalunkwe element ieħor tar-rapport nazzjonali tal-inventarju ta' gass serra meħtieġ għat-tħejjija tar-rapport ta' inventarju tal-gassijiet serra tal-Unjoni;

(n) informazzjoni dwar l-intenzjonijiet tal-Istat Membru biex jagħmel użu tal-flessibiltajiet msemmija fl-Artikolu 5(4) u (5) tar-Regolament [ ] [ESR].

Stat Membru jista' jitlob deroga mill-punt c biex japplika metodoloġija differenti minn dik speċifikata fil-Parti 3 ta' dan l-Anness jekk it-titjib meħtieġ tal-metodoloġija ma jistax jinkiseb fil-ħin għat-titjib li jrid jitqies fl-inventarji tal-gassijiet serra tal-perjodu 2021 sa 2030, jew l-ispejjeż tat-titjib tal-metodoloġija ikun għoli b'mod sproporzjonat meta mqabbel mal-benefiċċji ta' meta tiġi applikata din il-metodoloġija sabiex titjieb il-kontabilità tal-emissjonijiet u assorbimenti minħabba s-sinifikat baxx tal-emissjonijiet u t-tneħħija mir-raggruppamenti ta' karbonju konċernati. L-Istati Membri li jixtiequ jibbenefikaw mid-deroga għandhom jissottomettu talba motivata lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2020, fejn jindikaw l-iskeda ta' żmien sa meta it-titjib tal-metodoloġija jista' jiġi implimentat u/jew il-metodoloġija alternattiva proposta, u valutazzjoni tal-impatti potenzjali dwar il-korrettezza tal-kontabbiltà. Il-Kummissjoni tista' titlob li tingħata informazzjoni addizzjonali f'perjodu ta' żmien raġonevoli speċifiku. Meta l-Kummissjoni tikkunsidra li t-talba hija ġustifikata, għandha tagħti d-deroga. Jekk it-talba tiġi miċħuda, il-Kummissjoni għandha tagħti raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha.

Parti 2

Il-gassijiet serra li jridu jiġu koperti huma:

Diossidu tal-karbonju (CO_2)

Metan (CH_4)

Ossidu nitruż (N_2O)

Eżafluworur tal-kubrit (SF_6)

Trifluworur tan-nitroġenu (NF_3)

Idrofluworokarburi (HFCs):

— HFC-23 CHF_3

— HFC-32 CH_2F_2

— HFC-41 CH_3F

— HFC-125 CHF_2CF_3

— HFC-134 CHF_2CHF_2

— HFC-134a CH_2FCF_3

— HFC-143 CH_2FCHF_2

— HFC-143a CH_3CF_3

— HFC-152 CH_2FCH_2F

— HFC-152a CH_3CHF_2

— HFC-161 CH_3CH_2F

— HFC-227ea CF_3CHFCF_3

— HFC-236cb $CF_3CF_2CH_2F$

— HFC-236ea $CF_3CHFCHF_2$

— HFC-236fa $CF_3CH_2CF_3$

— HFC-245fa $CHF_2CH_2CF_3$

— HFC-245ca $CH_2FCF_2CHF_2$

— HFC-365mfc $CH_3CF_2CH_2CF_3$

— HFC-43-10mee $CF_3CHFCHFCF_2CF_3$ jew ($C_5H_2F_{10}$)

Perfluworokarburi (PFCs):

— PFC-14, Perfluworometan, CF_4

— PFC-116, Perfluworoetan, C_2F_6

— PFC-218, Perfluworopropan, C_3F_8

— PFC-318, Perfluworoċiklobutan, c-C_4F_8

— Perfluworoċiklopropan c-C_3F_6

— PFC-3-1-10, Perfluworobutan, C_4F_{10}

— PFC-4-1-12, Perfluworopentan, C_5F_{12}

— PFC-5-1-14, Perfluworoeżan, C_6F_{14}

— PFC-9-1-18, $C_{10}F_{18}$

Parti 3 - Metodoloġiji għall-monitoraġġ u r-rapportar fis-settur LULUCF

Id-dejta ta' konverżjoni tal-użu tal-art espliċitu skont l-ispazju għall-identifikazzjoni u l-intraċċar ta' kategoriji tal-użu tal-art u konverżjonijiet fost il-kategoriji tal-użu tal-art.

Il-metodoloġija tal-Grad 1 li tuża fatturi standard ta' emissjoni u valuri ta' parametri kkalibrati globalment skont il-Linji Gwida għall-Inventarji Nazzjonali tal-Gassijiet Serra tal-IPCC tal-2006.

Għall-emissjonijiet u l-assorbimenti minn raggruppament ta' karbonju li jifforma mill-inqas 25-30 % tal-emissjonijiet jew l-assorbimenti f'kategorija ta' font jew bir li hija prijoritizzata fi ħdan sistema ta' inventarju nazzjonali ta' Stat Membru peress li l-istima tiegħu għandha influwenza sinifikanti fuq l-inventarju totali ta' pajjiż ta' gassijiet serra f'termini tal-livell assolut ta' emissjonijiet u assorbimenti, ix-xejra fl-emissjonijiet u l-assorbimenti, jew l-inċertezza fl-emissjonijiet u l-assorbimenti fil-kategoriji tal-użu tal-art, mill-inqas metodoloġija tal-Grad 2 li tuża fatturi ta' emissjoni u valuri ta' parametri determinati fuq livell nazzjonali kkalibrati għaċ-ċirkostanzi nazzjonali skont il-Linji Gwida għall-Inventarji Nazzjonali tal-Gassijiet Serra tal-IPCC tal-2006.

L-Istati Membri huma mħeġġa japplikaw il-metodoloġija tal-Grad 3 li tuża mmudellar mhux parametriku kkalibrat għaċ-ċirkostanzi nazzjonali, li tiddeskrivi l-interazzjoni fiżika tas-sistema bijofiżika, skont il-Linji Gwida għall-Inventarji Nazzjonali tal-Gassijiet Serra tal-IPCC tal-2006.

Parti 4 - Indikaturi tal-inventarju

Titlu tal-indikatur	Indikatur
TRASFORMAZZJONI B0	Emissjonijiet speċifiċi tad-CO_2 ta' impjanti tal-enerġija pubbliċi u awtoprodutturi, t/TJ
	Emissjonijiet tad-CO_2 minn stazzjonijiet tal-enerġija pubbliċi u termali awtoprodutturi, kt diviżi

Titlu tal-indikatur	Indikatur
	bil-prodotti kollha - output minn stazzjonijiet tal-enerġija pubbliċi u termali awtoprodutturi, PJ
TRASFORMAZZJONI E0	Emissjonijiet speċifiċi tad-CO_2 ta' impjanti awtoprodutturi, t/TJ
	Emissjonijiet tad-CO_2 minn awtoprodutturi, kt diviżi bl-output tal-prodotti kollha minn stazzjonijiet tal-enerġija termali awtoprodutturi, PJ
INDUSTRIJA A1.1	Intensità totali tad-CO_2 — industrija tal-ħadid u l-azzar, t/miljun euro
	Emissjonijiet totali tad-CO_2 minn ħadid u azzar, kt diviżi bil-valur gross miżjud – industrija tal-ħadid u l-azzar
INDUSTRIJA A1.2	Intensità tad-CO_2 marbuta mal-enerġija — industrija kimika, t/miljun euro
	Emissjonijiet tad-CO_2 ta' industriji kimiċi marbuta mal-enerġija, kt diviżi bil-valur gross miżjud - industrija kimika
INDUSTRIJA A1.3	Intensità tad-CO_2 marbuta mal-enerġija — ħġieġ, fuħħar u l-industrija tal-materjal tal-bini, t/miljun euro
	Emissjonijiet tad-CO_2 marbuta mal-enerġija ħġieġ, fuħħar u materjal tal-bini, kt diviżi bil-valur gross miżjud – ħġieġ, fuħħar u l-industrija tal-materjal tal-bini
INDUSTRIJA A1.4	Intensità tad-CO_2 marbuta mal-enerġija — industrija tal-ikel, tax-xorb u tat-tabakk, t/miljun dollaru
	Emissjonijiet tad-CO_2 marbuta mal-enerġija mill-industrija tal-ikel, tax-xorb u tat-tabakk, kt diviżi bil-valur gross miżjud — industrija tal-ikel, tax-xorb u tat-tabakk, miljun euro (EC95)
INDUSTRIJA A1.5	Intensità tad-CO_2 marbuta mal-enerġija — industrija tal-karta u tal-istampar, t/miljun euro
	Emissjonijiet ta' CO2 marbuta mal-enerġija, kt - Valur gross miżjud — industrija tal-karta u tal-istampar, miljun euro (EC95)
DJAR A0	Emissjonijiet speċifiċi tad-CO_2 għal djar għal tisħin tal-ispazju, t/m2
	Emissjonijiet tad-CO_2 ta' djar għal tisħin ta' spazju diviżi bl-erja tas-superfiċe ta' djar okkupati b'mod permanenti, miljun m2
SERVIZZI B0	Emissjonijiet speċifiċi tad-CO_2 tas-settur kummerċjali u istituzzjonali għal tisħin tal-ispazju, kg/m2
	Emissjonijiet tad-CO_2 minn tisħin tal-ispazju fil-qasam kummerċjali u istituzzjonali, kt diviżi bl-erja tas-superfiċe ta' bini tas-servizzi, miljun m2
TRASPORT B0	Emissjonijiet speċifiċi tad-diżil relatati mad-CO_2 ta' karozzi tal-passiġġieri, g/100 km
TRASPORT B0	Emissjonijiet speċifiċi tal-petrol relatati mad-CO2 ta' karozzi tal-passiġġieri, g/100 km

ANNESS IV

INFORMAZZJONI DWAR POLITIKI U MIŻURI FIL-QASAM TAL-EMISSJONIJIET TAL-GASSIJIET SERRA

Informazzjoni li trid tiġi inkluża fir-rapporti msemmija fl-Artikolu 16:

(a) deskrizzjoni tas-sistema nazzjonali tagħhom għal rapportar dwar politiki u miżuri u għal rapportar dwar projezzjonijiet ta' emissjonijiet antropoġeniċi ta' gass serra minn fonti u assorbimenti minn bjar b'konformità mal-Artikolu 32(1) jew informazzjoni dwar kull bidla magħmula lil dik is-sistema fejn deskrizzjoni bħal dik diġà ġiet fornuta;

(b) aġġornamenti rilevanti għall-istrateġiji ta' emissjonijiet baxxi għal terminu ta' żmien twil tagħhom imsemmija fl-Artikolu 14 u l-progress fl-implimentazzjoni ta' dawk l-istrateġiji;

(c) informazzjoni dwar il-politiki u l-miżuri nazzjonali, jew gruppi ta' miżuri, u dwar l-implimentazzjoni ta' politiki u miżuri tal-Unjoni, jew gruppi ta' miżuri li jillimitaw jew inaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra minn fonti jew li jsaħħu l-assorbiment minn bjar, ippreżentata fuq bażi settorjali u organizzata skont il-gass jew grupp tal-gassijiet (HFCs u PFCs) elenkati fil-Parti 2 tal-Anness III. Dik l-informazzjoni għandha tirreferi għal politiki nazzjonali u tal-Unjoni applikabbli u rilevanti u għandha tinkludi:

(i) l-għan tal-politika jew tal-miżura u deskrizzjoni qasira tal-politika jew tal-miżura;

(ii) it-tip ta' strument politiku;

(iii) l-istatus tal-implimentazzjoni tal-politika jew miżura jew grupp ta' miżuri;

(iv) indikaturi li jagħmlu monitoraġġ u jevalwaw il-progress matul iż-żmien;

(v) stimi kwantitattivi tal-effetti fuq l-emissjonijiet minn fonti u l-assorbimenti minn bjar tal-gassijiet serra li jitqassmu fi:

– ir-riżultati tal-valutazzjonijiet ex ante tal-effetti ta' politiki u miżuri individwali jew gruppi tagħhom dwar il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima. L-istimi għandhom jiġu provduti għal sekwenza ta' erba' snin futuri li jispiċċaw b'0 jew 5 immedjatament wara s-sena ta' rapportar sussegwenti, b'distinzjoni bejn l-emissjonijiet ta' gassijiet serra koperti mid-Direttiva 2003/87/KE, ir-Regolament [ ] [ESR] u r-Regolament [ ] [LULUCF].

– ir-riżultati al-valutazzjonijiet ex post dwar l-effetti ta' politiki u miżuri individwali jew gruppi tagħhom dwar il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima meta disponibbli, b'distinzjoni bejn l-emissjonijiet ta' gassijiet serra koperti mid-Direttiva 2003/87/KE, ir-Regolament [ ] [ESR] u r-Regolament [ ] [LULUCF].

(vi) stimi tal-ispejjeż u l-benefiċċji ta' politiki u miżuri projettati kif ukoll stimi tal-ispejjeż u l-benefiċċji ta' politiki u miżuri realizzati;

(vii) ir-referenzi kollha għall-valutazzjonijiet tal-ispejjeż u l-effetti ta' politiki u miżuri nazzjonali, għal informazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' politiki u miżuri tal-Unjoni li jillimitaw jew inaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra minn fonti jew itejbu l-assorbimenti mill-bjar u għar-rapporti tekniċi sottostanti;

(viii) valutazzjoni tal-kontribuzzjoni tal-politika jew miżura għall-kisba tal-istrateġija ta' emissjoni baxxa għal terminu ta' żmien twil imsemmija fl-Artikolu 14;

(d) informazzjoni dwar politiki u miżuri nazzjonali addizzjonali ppjanati previsti bil-ħsieb li jillimitaw l-emissjonijiet tal-gassijiet serra lil hinn mill-impenji tagħhom skont ir-Regolament [ ] [ESR] u r-Regolament [ ] [LULUCF];

(e) informazzjoni rigward ir-rabtiet ta' bejn politiki u miżuri differenti rapportati skont il-punt c u l-mod kif politiki u miżuri bħal dawn jikkontribwixxu għal xenarji ta' projezzjoni differenti.

ANNESS V

INFORMAZZJONI DWAR IL-PROJEZZJONIJIET FIL-QASAM TAL-EMISSJONIJIET TAL-GASSIJIET SERRA

Informazzjoni li trid tiġi inkluża fir-rapporti msemmija fl-Artikolu 16:

(a) projezzjonijiet mingħajr miżuri meta disponibbli, projezzjonijiet bil-miżuri, u projezzjonijiet b'miżuri addizzjonali;

(b) projezzjonijiet tat-total ta' gassijiet serra u stimi separati għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra projettati għas-sorsi tal-emissjonijiet koperti mid-Direttiva 2003/87/KE u mir-Regolament [ ] [ESR] u l-emissjonijiet projettati minn fonti u l-assorbimenti mill-bjar skont ir-Regolament [ ] [LULUCF];

(c) l-impatt ta' politiki u miżuri identifikati skont l-Artikolu 16(1)(a). Meta tali politiki u miżuri ma jkunux inklużi, dan għandu jiġi ddikjarat u spjegat b'mod ċar;

(d) riżultati tal-analiżi ta' sensittività mwettqa fuq il-projezzjonijiet u informazzjoni dwar il-mudelli u l-parametri użati;

(e) ir-referenzi rilevanti kollha għall-valutazzjoni u r-rapporti tekniċi li jissostanzjaw il-projezzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 16(4).

ANNESS VI

INFORMAZZJONI DWAR AZZJONIJIET TA' ADATTAMENT NAZZJONALI, APPOĠĠ FINANZJARJU U TEKNOLOĠIKU FORNUT LILL-PAJJIŻI LI QED JIŻVILUPPAW, INTROJTU MILL-IRKANTAR

Parti 1

Rapportar dwar l-Adattament

Informazzjoni li trid tiġi inkluża fir-rapporti msemmija fl-Artikolu 17(1):

(a) il-miri ewlenin, l-għanijiet u l-qafas ta' ħidma istituzzjonali għal adattament;

(b) projezzjonijiet tat-tibdil fil-klima li jinkludu l-estremi tat-temp, l-impatti tat-tibdil fil-klima, il-valutazzjoni tal-vulnerabbiltà klimatika u r-riskji u perikli klimatiċi ewlenin;

(c) kapaċità ta' adattament;

(d) pjanijiet u strateġiji ta' adattament;

(e) kontrolli istituzzjonali li jinkludu sistemi ta' governanza u koordinament vertikali u orizzontali, monitoraġġ u evalwazzjoni;

(f) progress li sar fl-implimentazzjoni, li jinkludi prattiċi tajbin u bidliet fil-governanza.

Parti 2

Rapportar dwar appoġġ lil pajjiżi li qed jiżviluppaw

Informazzjoni li trid tiġi inkluża fir-rapporti msemmija fl-Artikolu 17(2)(a):

(a) informazzjoni dwar l-appoġġ finanzjarju imwiegħed u fornut lil pajjiżi li qed jiżviluppaw għas-sena X-1, li jinkludu:

  (i) informazzjoni kwantitattiva dwar riżorsi finanzjarji pubbliċi u mobilizzati mill-Istat Membru. L-informazzjoni dwar il-flussi finanzjarji trid tkun ibbażata fuq dawk li huma magħrufa bħala l-'markaturi ta' Rio' għal appoġġ relatat mal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u appoġġ relatat mal-adattament għat-tibdil fil-klima u sistemi oħra ta' intraċċar introdotti mill-Kumitat ta' Assistenza għall-Iżvilupp tal-OECD;

  (ii) informazzjoni metodoloġika kwalitattiva li tispjega l-metodu użat biex tiġi kkalkulata l-informazzjoni kwantitattiva, li tinkludi spjegazzjoni tal-metodoloġija għall-ikkwantifikar tat-dejta tagħhom, u meta rilevanti, informazzjoni oħra dwar id-definizzjonijiet u l-metodoloġiji użati għa-determinazzjoni ta' kwalunkwe ċifra, notevolment għall-informazzjoni rapportata dwar flussi finanzjarji mobbli;

  (iii) informazzjoni disponibbli dwar attivitajiet mill-Istat Membru relatata ma' proġetti ta' trasferiment tat-teknoloġija ffinanzjati pubblikament u proġetti li jibnu l-kapaċità għal pajjiżi li qed jiżviluppaw skont l-UNFCCC, li jinkludi jekk it-teknoloġija trasferita jew il-proġett li jibni l-kapaċità ntużax għall-mitigazzjoni jew għall-adattament għall-effetti tat-tibdil fil-klima, pajjiż riċevitur, ammont ta' appoġġ ipprovdut, u t-tip ta' teknoloġija ttrasferita jew il-proġett li jibni l-kapaċità;

(b) informazzjoni għas-sena X u s-snin sussegwenti dwar id-dispożizzjoni ppjanata ta' appoġġ, li tinkludi informazzjoni dwar attivitajiet ippjanati relatati ma' proġetti ta'

trasferiment tat-teknoloġija ffinanzjati pubblikament jew proġetti li jibnu l-kapaċità għal pajjiżi li qed jiżviluppaw skont l-UNFCCC u għal teknoloġiji li jridu jiġu trasferiti u proġetti li jibnu l-kapaċità, li jinkludu jekk it-teknoloġija trasferita jew il-proġett li jibni l-kapaċità kienx maħsub għall-mitigazzjoni jew għall-adattament għall-effetti tat-tibdil fil-klima, pajjiż riċevitur, ammont ta' appoġġ ipprovdut, u t-tip ta' teknoloġija ttrasferita jew il-proġett li jibni l-kapaċità;

Parti 3

Rapportar dwar introjtu minn irkant

Informazzjoni li trid tiġi inkluża fir-rapporti msemmija fl-Artikolu 17(2)(b):

(a) informazzjoni dwar l-użu tal-introjtu matul is-sena X-1 iġġenerat mill-Istat Membru permezz tal-irkant ta' kwoti skont l-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 2003/87/KE, inkluża informazzjoni dwar introjtu bħal dan li ntuża għal wieħed mill-iskopijiet jew aktar speċifikati fl-Artikolu 10(3) ta' dik id-Direttiva, jew l-ekwivalenti fil-valur finanzjarju ta' dak l-introjtu, u l-azzjonijiet meħuda skont dak l-Artikolu;

(b) informazzjoni dwar l-użu, kif determinat mill-Istat Membru, tal-introjtu kollu ġġenerat mill-Istat Membru permezz tal-irkant ta' kwoti tal-avjazzjoni skont l-Artikolu 3d(1) jew (2) tad-Direttiva 2003/87/KE; dik l-informazzjoni għandha tingħata f'konformità mal-Artikolu 3d(4) ta' dik id-Direttiva;

L-introjtu mill-irkant mhux żburżat fiż-żmien li Stat Membru jissottometti rapport lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 17(2)(b) għandu jiġi kwantifikat u rapportat fir-rapporti għas-snin sussegwenti.

ANNESS VII

OBBLIGI TA' RAPPORTAR ADDIZZJONALI

Parti 1

Obbligi ta' rapportar addizzjonali fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli

L-informazzjoni addizzjonali li ġejja għandha, sakemm ma jiġix dikjarat mod ieħor, tiġi inkluża skont l-Artikolu 18(b)(6):

(a) il-funzjonament tas-sistema ta' garanziji ta' oriġini għall-elettriku, il-gass, it-tisħin u t-tkessiħ minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli, il-livelli ta' ħruġ u l-kanċellazzjoni ta' garanziji ta' oriġini u l-konsum annwali nazzjonali li jirriżulta tal-enerġija rinnovabbli, kif ukoll il-miżuri meħuda sabiex tiġi żgurata l-affidabbiltà u l-ħarsien minn frodi tas-sistema;

(b) informazzjoni aggregata mill-bażijiet tad-dejta nazzjonali msemmija fl-Artikolu 25(4) ta' [riformulazzjoni tad-Direttiva 2009/28/KE kif propost minn COM(2016)767] dwar bijofjuwils, bijogass prodotti minn materja prima elenkata fl-Anness IX ta' [riformulazzjoni tad-Direttiva 2009/28/KE kif propost minn COM(2016)767], fjuwils tat-trasport rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika, fjuwils fossili bbażati fuq l-iskart u elettriku mqiegħda fis-suq minn fornituri tal-fjuwils, li jinkludi informazzjoni dwar it-tip ta' fjuwil, il-kontenut tal-enerġija tagħhom u, jekk applikabbli, il-bażi tal-materja prima u, jekk rilevanti, il-prestazzjoni tal-ffrankar tal-gassijiet serra tagħhom; meta l-bażi tad-dejta nazzjonali ma jkunx fiha l-valuri reali, l-Istati Membri jistgħu jużaw valuri tipiċi jew, meta jkun xieraq, valuri awtomatiċi mogħtija fil-Parti A u l-Parti B tal-Anness V ta' [riformulazzjoni tad-Direttiva 2009/28/KE kif propost minn COM(2016)767];

(c) żviluppi fid-disponibbiltà, oriġini u użu tar-riżorsi tal-bijomassa għall-fini tal-enerġija;

(d) bidliet fil-prezzijiet tal-komoditajiet u fl-użu tal-art fl-Istat Membru assoċjat mal-użu miżjud tiegħu tal-bijomassa u forom oħra ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli:

(e) il-produzzjoni eċċessiva stmata tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli li tista' tiġi ttrasferita lejn Stati Membri oħra sabiex dawn jikkonformaw mal-Artikolu 3, il-paragrafu 7 ta' [riformulazzjoni tad-Direttiva 2009/28/KE kif propost minn COM(2016)767] u jiksbu l-kontribuzzjonijiet u t-trajettorji nazzjonali msemmija fl-Artikolu 5, il-punt (a)(2) tal-istess Direttiva;

(f) id-domanda stmata għall-enerġija minn sorsi rinnovabbli li għandha tiġi sodisfatta b'mezzi oħra għajr il-produzzjoni domestika sal-2030, li jinkludi l-materja prima ta' bijomassa importata;

(g) l-iżvilupp u s-sehem ta' bijofjuwils magħmula minn materja prima elenkati fl-Anness IX ta' [riformulazzjoni tad-Direttiva 2009/28/KE kif propost minn COM(2016)767] li jinkludi valutazzjoni ta' riżorsi ffukati fuq l-aspetti ta' sostenibbiltà marbuta mal-effett tas-sostituzzjoni ta' ikel u prodotti tal-għalf għal produzzjoni ta' bijofjuwils, b'konsiderazzjoni xierqa tal-prinċipji tal-ġerarkija tal-iskart stabbiliti fid-Direttiva 2008/98/KE u l-prinċipju tal-użu sussegwenti tal-bijomassa, b'konsiderazzjoni taċ-ċirkostanzi reġjonali, u ekonomiċi u teknoloġiċi lokali, iż-żamma tal-istokk ta' karbonju meħtieġ fil-ħamrija u l-kwalità tal-ħamrija u l-ekosistemi;

(h) l-impatt stmat tal-produzzjoni jew l-użu tal-bijofjuwils, il-bijolikwidi u l-fjuwils tal-bijomassa fuq il-bijodiversità, ir-riżorsi tal-ilma, id-disponibbiltà u l-kwalità tal-ilma, il-ħamrija u l-kwalità tal-arja fl-Istat Membru;

(i) riskji jew każijiet osservati ta' frodi fil-katina ta' kustodja tal-bijofjuwils, l-bijolikwidi u l-fjuwils tal-bijomassa;

(j) informazzjoni dwar kif kien stmat is-sehem ta' skart bijodegradabbli fi skart użat biex tiġi prodotta l-enerġija, u x'passi ttieħdu biex jittejbu u jkunu vverifikati dawk l-istimi;

(k) ġenerazzjoni tal-elettriku u tat-tisħin mill-enerġija rinnovabbli fil-bini (kif definit fl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2010/31/UE). Dan għandu jinkludi dejta diżaggregata dwar l-enerġija prodotta, ikkonsmata u injettata fil-grid minn sistemi solari fotovoltajċi, sistemi termali solari, bijomassa, pompi tas-sħana, sistemi ġeotermiċi kif ukoll is-sistemi tal-enerġija rinnovabbli deċentralizzati l-oħrajn kollha.

(l) Jekk applikabbli, is-sehem ta' bijofjuwils minn kultivazzjonijiet alimentari u dawk avvanzati, is-sehem tal-enerġija rinnovabbli fit-tisħin distrettwali, kif ukoll l-enerġija rinnovabbli prodotta fil-bliet u l-komunitajiet tal-enerġija kif definit fl-Artikolu 22 ta' [riformulazzjoni tad-Direttiva 2009/28/KE kif propost minn COM(2016)767];

(m) Forniment primarju ta' bijomassa solida (f'1000 m3, għajr 1) b) iii) f'tunnellati)

(1) Il-bijomassa tal-foresta użata għal produzzjoni tal-enerġija (produzzjoni domestika, importazzjoni u esportazzjoni)

(a) Bijomassa primarja mill-foresta użata direttament għall-produzzjoni tal-enerġija

i) Friegħi u qċaċet tas-siġar (ir-rapportar huwa volontarju)

ii) Biċċiet tas-siġar li jibqgħu fl-art wara l-qtugħ (ir-rapportar huwa volontarju)

iii) Injam tond (maqsum f'injam tond industrijali u injam għall-fjuwil)

(b) Ko-prodotti tal-industrija bbażati fuq il-foresta użati direttament għall-enerġija

i) Qoxra tas-siġar (ir-rapportar huwa volontarju)

ii) Ċipep, serratura u partiċelli oħra tal-injam

iii) Likur iswed u żejt tal-arżnu mhux maħdum

(c) Injam ta' wara l-konsumatur li jintuża direttament għal produzzjoni tal-enerġija

(d) Fjuwil abbażi ta' injam proċessat, prodott minn materja prima mhux reġistrata fil-punti 1a), 1b) jew 1c):

i) Faħam tal-kannol tal-injam

ii) Gerbub tal-injam u maltunelli tal-injam

(2) Il-bijomassa agrikola użata għal produzzjoni tal-enerġija (produzzjoni domestika, importazzjoni u esportazzjoni)

(a) Għelejjel tal-enerġija għall-elettriku jew it-tisħin (li jinkludu msajġar ta' rotazzjoni qasira)

(b) Residwi tal-għelejjel agrikoli għall-elettriku jew it-tisħin

(3) Il-bijomassa ta' skart organiku għall-produzzjoni tal-enerġija (produzzjoni domestika, importazzjoni u esportazzjoni)

(a) Frazzjoni organika għal skart industrijali

(b) Frazzjoni organika għal skart muniċipali

(c) Ħama tal-iskart

(n) konsum finali tal-enerġija ta' bijomassa solida (ammont ta' bijomassa solida użata għall-produzzjoni tal-enerġija fis-setturi li ġejjin):

(1) Settur tal-enerġija

(a) Elettriku

(b) Tisħin u enerġija kkombinati

(c) Tisħin

(2) Settur industrijali intern (elettriku kkonsmat u awtoprodott, CHP u tisħin)

(3) Konsum finali dirett residenzjali

(4) Oħrajn

Parti 2

Obbligi ta' rapportar addizzjonali fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika

Fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika, l-informazzjoni addizzjonali li ġejja għandha tiġi inkluża skont l-Artikolu 19(c):

(a) politiki maġġuri leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi, miżuri, miżuri finanzjarji u programmi implimentati fis-sena X-2 u X-1 (b'X bħala s-sena meta r-rapport ikun dovut) sabiex jintlaħqu l-għanijiet tagħhom stabbiliti skont l-Artikolu 4(b) li jippromwovu s-swieq ta' servizz tal-enerġija, it-titjib fil-prestazzjoni tal-enerġija fil-bini, il-miżuri li jutilizzaw il-potenzjali tal-effiċjenza enerġetika għall-infrastruttura tal-gass u l-elettriku u t-tisħin u t-tkessiħ, it-titjib tal-informazzjoni u l-kwalifika, miżuri oħra sabiex tiġi promossa l-effiċjenza enerġetika;

(b) iffrankar tal-enerġija miksuba permezz tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2012/27/UE [kif emendata permezz tal-proposta COM(2016)761] fis-snin X-3 u X-2;

(c) progress f'kull settur u r-raġunijiet għaliex il-konsum tal-enerġija baqa' stabbli jew kien qed jikber fis-sena X-3 u X-2 fl-oqsma ta' konsum tal-enerġija finali;

(d) erja totali tal-pavimentar tal-bini b'erja totali ta' pavimetar utli 'l fuq minn 250 m2 proprjetà ta' gvern ċentrali tal-Istati Membri u okkupat minnu li, fl-1 ta' Jannar tas-sena X-2 u X-1, ma tkunx issodisfat ir-rekwiżiti ta' prestazzjoni tal-enerġija msemmija fl-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2012/27/UE;

(e) erja totali tal-pavimentar ta' bini msaħħan u/jew mkessaħ proprjetà ta' gvern ċentrali tal-Istati Membri u okkupat minnu li kien rennovat fis-sena X-3 u X-2 imsemmija fl-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2012/27/UE jew l-ammont tal-enerġija ffrankata fil-bini eliġibbli proprjetà tal-gvern ċentrali tagħhom u okkupata minnu kif jissemma fl-Artikolu 5(6) tad-Direttiva 2012/27/UE;

(f) għadd ta' verifiki tal-enerġija mwettqa fis-sena X-3 u X-2. Barra minn hekk l-għadd totali ta' kumpaniji kbar fit-territorju tagħhom li għalihom huwa applikabbli l-Artikolu 8(4) tad-Direttiva 2012/27/UE u l-għadd ta' verifiki tal-enerġija mwettqa f'dawk l-intrapriżi fis-sena X-3 u X-2;

(g) il-fattur tal-enerġija primarja nazzjonali applikat għall-elettriku;

(h) l-għadd u l-erja ta' pavimentar ta' bini ġdid u rennovat bi kważi enerġija żero fis-sena X-2 u X-1, kif definit fl-Artikolu 9 tad-Direttiva 2010/31/UE;

(i) il-link tal-internet tas-sit web fejn wieħed jista' jaċċessa l-lista jew l-interfaċċa ta' fornituri ta' servizzi tal-enerġija msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 18(1) tad-Direttiva 2012/27/UE.

ANNESS VIII

RAPPORT DWAR IS-SOSTENIBBILTÀ TAL-BIJOENERĠIJA TAL-UNJONI

Ir-rapport tal-UE dwar is-sostenibbiltà tal-bijoenerġija minn enerġija li ġejja mill-bijomassa li jrid jiġi adottat kull sentejn mill-Kummissjoni flimkien mar-rapport tal-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija skont l-Artikolu 29(2)(d), għandu jkun fih bħala minimu l-informazzjoni li ġejja:

(a) il-benefiċċji u l-ispejjeż ambjentali relattivi ta' bijofjuwils, bijolikwidi u fjuwils tal-bijomassa differenti, l-effetti tal-politiki ta' importazzjoni tal-Unjoni fuqhom, is-sigurtà tal-implikazzjonijiet tal-provvista u l-modi kif jinkiseb approċċ bilanċjat bejn il-produzzjoni domestika u l-importazzjonijiet

(b) l-impatt fuq il-produzzjoni u l-użu ta' bijomassa fuq is-sostenibbiltà fl-Unjoni u fil-pajjiżi terzi, li jinkludu impatti fuq il-bijodiversità;

(c) dejta u analiżi tad-disponibbiltà u d-domanda attwali u projettata tal-bijomassa sostenibbli, li jinkludu l-impatt ta' domanda ogħla għall-bijomassa fuq setturi li jużaw il-bijomassa;

(d) l-iżvilupp teknoloġiku, id-disponibbiltà u s-sostenibbiltà ta' bijofjuwils magħmula minn materja prima elenkati fl-Anness IX ta' [riformulazzjoni tad-Direttiva 2009/28/KE kif propost minn COM(2016)767], inkluż valutazzjoni tal-effett tas-sostituzzjoni ta' prodotti tal-ikel u l-għalf għall-produzzjoni tal-bijofjuwils, b'konsiderazzjoni xierqa tal-prinċipji tal-ġerarkija tal-iskart stabbiliti fid-Direttiva 2008/98/KE u l-prinċipju tal-użu sussegwenti tal-bijomassa, b'konsiderazzjoni taċ-ċirkostanzi ekonomiċi reġjonali u lokali u dawk teknoloġiċi, iż-żamma tal-istokk ta' karbonju meħtieġ fil-ħamrija u l-kwalità tal-ħamrija u l-ekosistemi;

(e) informazzjoni dwar ir-riżultati tar-riċerka xjentifika disponibbli, u l-analiżi tagħhom dwar it-tibdil indirett fl-użu tal-art fir-rigward tal-mezzi ta' produzzjoni kollha, akkumpanjata minn valutazzjoni dwar jekk il-firxa ta' inċertezza identifikata fl-analiżi sottostanti għall-istimi ta' emissjonijiet minn tibdil indirett fl-użu tal-art tistax titnaqqas, u jekk jista' jitqies l-impatt possibbli tal-politiki tal-Unjoni, bħall-ambjent, il-klima u l-politiki agrikoli; u

(f) fir-rigward kemm ta' pajjiżi terzi kif ukoll Stati Membri li huma sors sinifikanti ta' bijofjuwils, bijolikwidi u fjuwils tal-bijomassa kkonsmati fl-Unjoni, dwar miżuri nazzjonali meħuda biex jirrispettaw l-kriterji ta' sostenibbiltà u l-kritetji ta' ffrankar ta' gassijiet serra stabbilit fl-Artikolu 26, il-paragrafi 2 sa 7, ta' [riformulazzjoni tad-Direttiva 2009/28/KE kif propost minn COM(2016)767], għall-protezzjoni tal-ħamrija, l-ilma u l-arja.

Fir-rapportar tal-iffrankar tal-emissjoni tal-gassijiet serra mill-użu tal-bijomassa, il-Kummissjoni għandha tuża l-ammonti rapportati mill-Istati Membri b'konformità mal-Anness IX, il-Parti 1(b), inkluż il-valuri medji proviżorji tal-emissjonijiet stmati fil-bidla fl-użu tal-art u l-firxa assoċjata derivata mill-analiżi tas-sensittività kif stabbilit fl-Anness VIII ta' [riformulazzjoni tad-Direttiva 2009/28/KE kif propost minn COM(2016)767]. Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli pubblikament id-dejta dwar il-valuri medji proviżorji tal-emissjonijiet stmati minn tibdil indirett fl-użu tal-art u l-firxa assoċjata derivata mill-analiżi tas-sensittività. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tevalwa jekk u kif tinbidel l-istima tal-iffrankar dirett fuq l-emissjonijiet jekk jittieħed kont tal-ko-prodotti bl-użu tal-approċċ ta' sostituzzjoni.

ANNESS IX

SKEMI VOLONTARJI LI FUQHOM IL-KUMMISSJONI ADOTTAT DEĊIŻJONI SKONT L-ARTIKOLU 27(4) TA' [RIFORMULAZZJONI TAD-DIRETTIVA 2009/28/KE KIF PROPOST MINN COM(2016)767]

Ir-rapport dwar skemi volontarji li fuqhom il-Kummissjoni adottat deċiżjoni skont l-Artikolu 27(4) ta' [riformulazzjoni tad-Direttiva 2009/28/KE kif propost minn COM(2016)767], għandu jiġi adottat darba kull sentejn mill-Kummissjoni flimkien mar-rapport tal-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija skont l-Artikolu 29(2)(e), għandu jkun fih, bħala minimu, l-analiżi tal-Kummissjoni ta' dawn li ġejjin:

(a) l-indipendenza, il-modalità u l-frekwenza tal-verifiki, fir-rigward kemm ta' dak espress dwar dawk l-aspetti fid-dokumentazzjoni tal-iskema, meta l-iskema kkonċernata ġiet approvata mill-Kummissjoni, kif ukoll fir-rigward tal-aħjar prattika tal-industrija;

(b) id-disponibbiltà, l-esperjenza u t-trasparenza fl-applikazzjoni ta' metodi għall-identifikazzjoni u l-indirizzar tan-nuqqas ta' konformità, b'attenzjoni partikolari biex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet jew allegazzjonijiet ta' aġir ħażin serju min-naħa tal-membri tal-iskema;

(c) it-trasparenza, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċessibbiltà tal-iskema, id-disponibbiltà ta' traduzzjonijiet fil-lingwi applikabbli tal-pajjiżi u r-reġjuni minn fejn toriġina l-materja prima, l-aċċessibbiltà ta' lista ta' operaturi ċċertifikati u ċ-ċertifikati relevanti, u l-aċċessibbiltà ta' rapporti tal-awdituri;

(d) l-involviment tal-partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari fir-rigward tal-konsultazzjoni ma' komunitajiet indiġeni u lokali qabel jittieħdu d-deċiżjonijiet matul l-abbozzar u l-analiżi tal-iskema kif ukoll waqt l-awditi u t-tweġiba għall-kontributi tagħhom;

(e) ir-robustezza ġenerali tal-iskema, b'mod partikolari fid-dawl tar-regoli dwar l-akkreditament, il-kwalifika u l-indipendenza tal-awdituri u tal-korpi rilevanti tal-iskema;

(f) l-aġġornamenti tas-suq tal-iskema, l-ammont ta' materja prima u l-bijofjuwils ċċertifikati, skont il-pajjiż tal-oriġini u t-tip, l-għadd ta' parteċipanti;

(g) il-faċilità u l-effettività tal-implimentazzjoni ta' sistema ta' intraċċar tal-provi ta' konformità mal-kriterji ta' sostenibbiltà li l-iskema tagħti lill-membru/i tagħha, tali sistema intenzjonata li sservi bħala mezz ta' prevenzjoni kontra attività frodulenti bil-ħsieb, b'mod partikolari, tal-identifikazzjoni, it-trattament u s-segwitu tal-frodi u irregolaritajiet oħrajn suspettati u fejn jixraq, l-għadd ta' każijiet ta' frodi jew irregolaritajiet identifikati;

(h) għażliet għall-entitajiet biex ikunu awtorizzati jirrikonoxxu u jagħmlu monitoraġġ tal-korpi ta' ċertifikazzjoni;

(i) kriterji għar-rikonoxximent jew l-akkreditament tal-korpi ta' ċertifikazzjoni;

(j) regoli dwar kif għandu jsir il-monitoraġġ tal-korpi ta' ċertifikazzjoni;

(k) modi biex jiffaċilitaw jew itejbu l-promozzjoni tal-aħjar prattika.

ANNESS X

SISTEMI TA' INVENTARJU NAZZJONALI

L-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 30 tinkludi li ġej:

(a) id-dejta u l-metodi rapportati għall-attivitajiet u l-installazzjonijiet skont id-Direttiva 2003/87/KE għall-fini tat-tħejjija tal-inventarji nazzjonali tal-gassijiet serra sabiex tiġi żgurata l-konsistenza tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra rrapportati skont l-iskema tal-Unjoni għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet u fl-inventarji nazzjonali tal-gassijiet serra;

(b) dejta miġbura permezz tas-sistemi ta' rapportar dwar gassijiet fluworurati fis-setturi diversi, stabbiliti b'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) Nru 517/2014 għall-fini tat-tħejjija tal-inventarji nazzjonali dwar il-gassijiet serra;

(c) emissjonijiet, dejta sottostanti u metodoloġiji rapportati mill-faċilitajiet skont ir-Regolament (KE) Nru 166/2006 għall-fini tat-tħejjija tal-inventarji nazzjonali dwar il-gassijiet serra;

(d) id-dejta rapportata skont ir-Regolament (KE) Nru 1099/2008;

(e) dejta miġbura permezz ta' intraċċar ġeografiku fuq żoni tal-art fil-kuntest tal-programmi u stħarriġ eżistenti tal-Unjoni u l-Istati Membri inkluż l-Istħarriġ Qafas Statistiku tal-Użu tal-Art taż-Żona Koperta LUCAS u l-Programm Ewropew ta' Osservazzjoni tad-Dinja, Copernicus

ANNESS XI

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

Ir-Regolament (UE) Nru 525/2013	**Dan ir-Regolament**
l-Artikolu 1	l-Artikolu 1(1)
l-Artikolu 2	—
l-Artikolu 3	—
l-Artikolu 4	l-Artikolu 14
l-Artikolu 5	l-Artikolu 30(1); 30(2); 30(6); Anness X
l-Artikolu 6	l-Artikolu 30(3); 30(6)
l-Artikolu 7	l-Artikolu 23(2); 23(3); 23(5); 23(6); Anness III
l-Artikolu 8	l-Artikolu 23(1)(a); l-aħħar sottoparagrafu tal-Artikolu 23(1); 23(6)
l-Artikolu 9	l-Artikolu 30(4); 30(5)
l-Artikolu 10	l-Artikolu 33
l-Artikolu 11	—
l-Artikolu 12	l-Artikolu 32
l-Artikolu 13	l-Artikolu 16(1)(a); 16(3); 16(4); Anness IV
l-Artikolu 14	l-Artikolu 16(1)(b); 16(2); 16(3); 16(4); Anness V
l-Artikolu 15	l-Artikolu 17(1); Anness VI, il-Parti 1
l-Artikolu 16	l-Artikolu 17(2)(a); Anness VI, il-Parti 2
l-Artikolu 17	l-Artikolu 17(2)(b); 17(3); 17(4); Anness VI, il-Parti 3
l-Artikolu 18	l-Artikolu 15(2)(e); it-tieni sottoparagrafu tal-Artikolu 15(2)
l-Artikolu 19	—
l-Artikolu 20	—
l-Artikolu 21	l-Artikolu 25(1)(c); 25(4); 25(7)
l-Artikolu 22	—
l-Artikolu 23	Artikolu 34(1)(d); 34(1)(e); 34(1)(f); 34(1)(g); 34(1)(h);
l-Artikolu 24	l-Artikolu 35
l-Artikolu 25	—
l-Artikolu 26	l-Artikolu 37
l-Artikolu 27	—
l-Artikolu 28	l-Artikolu 50

l-Artikolu 29	—